ĦOLQA BEJNIETNA

COR AD COR LOQUITUR NEWMAN

RIVISTA INTERNA TAL-PROVINĊJA AGOSTINJANA TA' SAN MARK MAĦRUĠ MIS-SEGRETARJAT PROVINĊJALI, KUNVENT S. MARK, RABAT, MALTA

JANNAR - ĠUNJU 2016 / 1

EDITORJAL

IL-MEMORJA MARIDA

Ninsabu f'dan iż-żmien tal-ħniena, u nippreferi nsejjaħlu hekk għaliex kuljum, f'kull mument imsejjaħ biex ngħix miegħi nnifsi u ma' kull persuna dan l-valur tal-ĦNIENA. Il-ħniena ta' bejnietna ttaffi żgur ħafna minn tant tbatijiet ta' "purgatorju" ta' bejnietna!

Ngħiduha kif inhi, mhux l-ewwel darba fir-relazzjonijiet ta' bejnietna ġegħilna lil ħaddieħor jgħix f'din ir-realtà tat-tbatija. Ngħid dan jiena u niftakar f'realtà oħra li minkejja li ilna s-snin li ngħixu flimkien biss jista' jkun li għadna biss fl-"intrata" tal-ħajja ta' xulxin. X'jiġri meta nidħol għand xi ħadd u nibqa' biss fl-intrata tad-dar tiegħu? Ma narax dak kollu li hemm fid-dar. Ma nismax dak kollu li qed jingħad f'din id-dar... nara u nisma' bil-biċċiet. Mhux biss, jiġri wkoll ħafna drabi li nippreferi nisma' u nara biss dak li ħaddieħor jgħidli u jurini. Dan jiġrilna meta nitkellmu fuq xulxin, meta nħallu lil ħaddieħor jitkellem b'mod negattiv fuq xi ħadd minn ħutna u li ma jkunx preżenti. U hawn nistaqsi: imma għalfejn nidħol f'din il-"logħba" ta' tant preġudizzji, kundanni, u tant titli li nagħti lil dak li jkun? It-tweġiba għal din il-mistoqsija, naħseb jiena, għandha l-qofol tagħha fil-***memorja "marida"*** li nġorr ġewwa fija: memorja marida miegħi nnifsi u dik fuq l-oħrajn.

Mela l-memorja tista' tkun marida? M'iniex nirreferi hawnhekk, assulutament le għal dik li hija d-*dimensja*. Memorja marida hija: ma niftakarx fl-ieħor jekk mhux dak li huwa negattiv... ma nippermettix li l-ieħor iħares 'il

Assemblea Provinċjali 2016

quddiem u dan għaliex jiena dejjem lest biex naqlagħlu t-*tamal* kollu li għandu… inżomm kollox fil-komma għal meta jiġi l-waqt.

Ara, isma' din: waħda soru, ta' fama qaddisa, kienet ta' sikwit issib ruħha taqra l-qlub ta' dawk li kienu jmorru għandha biex jiftħu qalbhom magħha, u dan għaliex, il-Mulej kien ikellimha u kien jgħidilha dak li kien mistur. Darba, wieħed Isqof mar għandha u talabha biex tistaqsi lil Alla jgħidilha d-dnub l-aktar kbir li dan l-Isqof kien għamel qabel ma daħal is-Seminarju. Meta mar lura għat-tweġiba, din is-soru qaltlu: "la ndimt minnu u tlabt maħfra tiegħu, il-Mulej m'għadux jiftakru aktar. Għaliex, meta Alla jaħfer, jaħfer u jinsa!"

Nikbru bejnietna, nimxu flimkien u nħarsu lejn xulxin bit-tbissima u bis-serenità daqslikieku bdejna din il-mixja ta' flimkien għall-ewwel darba. Aktar kemm ngħabbu l-memorji tagħna b'dawk l-esperjenzi anqas sbieħ ta' xulxin, aktar ikun diffiċli li nkunu ħfief u ħielsa f'din il-mixja tagħna ta' flimkien u aktar inkunu qegħdin immarrdu l-memorja tagħna. Il-qalb li tħenn u taħfer tgħinna biex ikollna memorja f'saħħitha: ħielsa minn kull "tumur" li jwassal biex jikkaġuna tant mard ieħor fir-relazzjonijiet ta' bejnietna.

Ir-ritorn tal-iben il-ħali – Mattia Preti

P. RAPHAEL ABDILLA OSA

AĠENDA PROVINĊJALI

3 ta' Lulju:
RIP – P. Ġorġ Debono - 2008

5 ta' Lulju:
Għeluq snin P. Mark Cauchi

13 ta' Lulju:
Attività fraterna tal-Provinċja – San Pawl il-Baħar

15 ta' Lulju:
Għeluq snin P. Leslie Gatt

17 ta' Lulju:
Għeluq snin P. Terence Spiteri
RIP – Patrizju Mallia - 2013

28 ta' Lulju:
RIP – Fra Pawl Spiteri - 1989

4 ta' Awwissu:
Għeluq snin P. Adeodato Schembri

5 ta' Awwissu:
RIP – P. Dward Fenech – 2006

12 ta' Awwissu:
RIP – P. Piju Agius - 1978

19 ta' Awwissu:
RIP – P. Rogat Mifsud – 1985
RIP – P. Karm Cuschieri - 1989

20 ta' Awwissu:
Għeluq snin P. Joseph Farrugia

28 ta' Awwissu:
Festa ta' Santu Wistin – Kunvent Għawdex

1 ta' Settembru:
Għeluq snin P. Maciel Alves Bueno (Brasil)

5 ta' Settembru:
RIP – P. Martinjan Cutajar - 1992

7 ta' Settembru:
RIP – Fra Ġużepp Bonnici – 2005

8 ta' Settembru:
RIP – P. Konsilju Mallia - 1995

14 ta' Settembru:
Anniversarju tat-Twaqqif tal-Provinċja
Quddiesa tal-ftuħ tal-Bi-Ċentinarju - Rabat

15 ta' Settembru:
RIP - P. Nazzaren Callus - 1987

23 ta' Settembru:
RIP – P. Tumas Spiteri – 1995

30 ta' Settembru:
Akkademja Mużiko-Letterarja – Għawdex

IL-KELMA TAL-PROVINĊJAL

SELFIE AGOSTINJAN

Ġieli nimmaġina qed nieħu r-ritratti. Ritratti *tagħna* iġifieri! Hemm tnejn partikolari li dejjem jitilgħu f'qalbi kull meta nqum. Wieħed hu *black and white*, pjuttost ikrah..imma hu *aħna*! L-iehor hu bil-kulur… sabiħ… u hu *aħna wkoll*.

***L-ewwel ritratt*:**

➔ Ninsabu 40 patri. Nilbsu ġeneralment skur b'xi eċċezzjonijiet żgħar. Hemm uħud *overweight*, xi wħud bi problemi ta' saħħa u oħrajn karetterjali. Xi wħud fostna huma għajjiena.. qisna l-melħ li tilef l-imluħa tiegħu! Uħud saru parti minn istituzzjoni…imma l-ġamar fihom hu mitfi. Oħrajn iħossuhom mitlufa. Ġieli nimlew ħajjitna b'niċeċ li nivvintaw u li fihom inħossuna komdi. Uħud ilhom jagħmlu l-istess affarijiet… anke jekk dan m'għandu l-ebda relevanza għan-nies. Hemm min jgħix f'nostalġija u hemm min hu aljenat u eżawrit bix-xogħol, bl-amministrazzjoni. Qisna sempliċi ħaddiema tal-Mulej… imma l-ferħ u l-entużjażmu sparixxa. Bħala kura tagħna nfusna stess… inbatu immens. Uħud minna jibżgħu..jibżgħu jobdu u jagħmlu xi ħaġa differenti. Jibżgħu li jkunu mitluba jagħmlu xi ħaġa ġdida. Uħud jibżgħu ukoll jafdaw. Jibżgħu jafdaw li jitkellmu dwarhom infushom, dwar ħbiebhom barra l-komunità, jibżgħu li jkunu ġġudikati jew li jittiħdilhom dan kollu. U hemm min hu rrabjat u mdejjaq bih nnifsu. Qisna ritratt minn dawk il-mitfija li kont tara f'xi kuritur tal-kunventi tagħna. Dan ritratt *black and white* tagħna. *Forsi jdejjaqna jew jagħmilna skomdi… .imma dan hu aħna!*

It-tieni ritratt:

➔ Ninsabu 40 patri. Anke jekk hemm diversi minna kbar fl-età… ħafna minna għadna żgħar f'qalbna. Hemm min jivvibra bil-ħajja u bosta minna għadna b'għajnejn ileqqu li n-nies jimmarkawhom u jieħdu gost jarawna hekk. Inħobbu n-nies, il-ministeri li nwettqu. Aħna grupp ta' nies viċin in-nies, nafu nimxu magħhom u nafu ningħataw għalihom. Nafu nkunu kreattivi u innovattivi. Uħud minna fir-ritratt huma ġenwinament nies ta' talb, fidili tassew għall-ħajja ta' talb, għal interjorità vera..nieħdu l-ħajja reliġjuża tagħna bis-serjetà. Hafna minna ppreparati sew f'diversi oqsma. In-nies jieħdu gost ikunu magħna u jafu li lesti nimxu magħhom..iktar minn mil wieħed! Għandna mod sabiħ kif inkunu flimkien, kif ngħixu flimkien u kif naħdmu flimkien… din hi l-ikbar ħolma li nġorru fina lkoll! U nġorru fuq kollox lil Alla f'qalbna.. għandna sens sabiħ tas-sagru, ta' dak li hu sabiħ u ta' dak li hu qaddis. Immexxu liturġiji li huma traxxendenti/ikbar minna..imma aħna nafu ninkarnawhom… għalina stess u għan-nies li nservu. U nagħmlu sforzi ġenwini biex is-sagramenti li namministraw ikunu mimlijin bl-imħabba u l-ħniena ta' Alla. Dan ritratt *full colour* tagħna. *Jagħmlilna l-ġid inħarsu lejn dan ir-ritratt… .għax fih hemm aħna wkoll!*



Iż-żewġ ritratti huma ritratti *veri* tagħna nfusna.

➔ L-ewwel wieħed hu narrattiva ta' mewt, ta' età avvanzata, ta' problemi veri u ta' nuqqas ta' tama.

➔ It-tieni ritratt huwa veru wkoll… hu ritratt ta' tama u entużjażmu kbir.

Kull filgħodu nfakkar lili nnifsi biex nara *t-tieni* ritratt, id-doni tagħna, it-tamiet fina u l-potenzjal li għandna.

Ngħid.. "*din hi l-ħolma tagħna… tiegħi u ta' ħuti*!"

Kuljum nitlob lill-Mulej jagħtini qawwa kbira biex għajnejja jibqgħu ħielsa minn kull ċpar ta' dlam.

Grazzi Mulej ta' ħuti kollha li baqgħu jżommu fihom qalb kbira miftuħa għalik.

Fit-tieni ritratt..dak tal-kulur..għadni nara ħafna ħolm, viżjoni u spirtu ġdid.

Se nkabbar dan ir-ritratt kbir kemm nista' u nwaħħlu f'kull kunvent tagħna ħalli nibqgħu naraw il-ġamar fina li għadu jaqbad.

U hu dan ir-ritratt li qed nippreżenta f'qalbi lill-Mulej hekk kif wasalna biex niċċelebraw il-Bi-Ċentinarju tal-Provinċja tagħna… jalla jkun offerta li togħġbu. U bħal inċens li jitla' 'l fuq.. hekk noffru kulma hemm fina (*anke r-ritratt black and white*)… biex hu jkompli jagħmilna ġodda tassew mill-ġdid.

P. RAYMOND FRANCALANZA OSA
PIRJOL PROVINĊJALI

VOKAZZJONIJIET

Dear young people, listen within: Christ is knocking at the door of your heart.

Kristu, bħala r-ragħaj u l-maħbub qed iħabbat il-qalb taż-żgħażagħ. Dan huwa *tweet* li għamel il-Papa Franġisku fl-20 ta' Settembru 2014. Messaġġ ċentrali għall-pastorali maż-żgħażagħ.

X'qed ifittxu ż-żgħażagħ?

U llum, x'qed ifittxu ż-żgħażagħ? X'jixtiequ fil-ħajja? X'inhuma d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom? Fejn jixtiequ jmorru? L-iskop tal-pastorali maż-żgħażagħ huwa *li nakkumpanjaw, rressqu ż-żgħażagħ għal esperjenza ta' Alla fil-ħajja tagħhom, biex jagħrfu lilhom infushom, u jagħrfu l-pjan sabiħ li għandu Alla għalihom.*

Illum nifhmu l-animazzjoni vokazzjonali bħala sett organiku ta' attivitajiet speċifiċi u kumplessi, marbuta mill-qrib mal-pastorali ġenerali ta' kull Knisja fejn il-komunità ekkleżjali għandha l-missjoni li tqajjem, tilqa', takkumpanja, u tipprovdi formazzjoni meħtieġa għall-vokazzjonijiet kollha mhux biss dik tal-ħajja reliġjuża u saċerdotali.

Akkumpanjament/Mumenti ta' talb u riflessjoni

Aspett tal-pastorali maż-żgħażagħ, u bil-għan evanġeliku "Ejja u Ara", u li jagħmel ġid liż-żgħażagħ u ħafna aktar ġid lilna r-reliġjużi

huwa li ninfetħu għall-preżenzi tagħhom u nilqgħuhom fid-dar tagħna, waqt li flimkien inkomplu nimxu f'dan il-vjaġġ u nfittxu l-Verità. Għalhekk, matul dawn ix-xhur komplejna noffru aktar opportunitajiet u mumenti ta' riflessjoni permezz ta' mumenti ta' talb (27 Frar, 25 Ġunju), *semi-guided retreats* (29-30 April) fil-komunità tagħna r-Rabat, kif ukoll kuntatt kontinwu b'mod individwali biex inkomplu nakkumpanjaw lil dawn iż-żgħażagħ fil-ħajja u s-sitwazzjoni preżenti tagħhom.

Esperjenza sabiħa kienet il-*Pascua Juvenil* matul il-Ġimgħa Mqaddsa (21-27 Marzu) li fiha numru sabiħ ta' żgħażagħ għexu magħna dawn il-jiem u fl-istess ħin komplew bl-impenji li kellhom. Ma kinux mumenti fejn ġew biex jagħtu daqqa t'id imma bħala *semi-guided retreat* u dan marbut mal-Parabboli tal-Ħniena. Uħud ġew għal ġimgħa, oħrajn ġew għal nofstanhar jew jumejn, u l-preżenza tagħhom tat ħajja u għamlet ħafna ġid lill-membri tal-komunità, u dan minkejja li ħuna Patri Pawl kien l-isptar.

Dan l-akkumpanjament qegħdin inkompluh ukoll permezz ta' blog li jismu **Augustinian Heart – Qalb Agostinjana (https://augustinianheartblog.wordpress.com/)**. Fih qegħdin inpoġġu materjal li jkompli jgħin fir-riflessjoni vokazzjonali fosthom permezz tar-risposti li qegħdin nirċievu minn ħutna l-patrijiet għad-domandi li għaddejnielhom flimkien ma' ritratt tal-wiċċ tagħna b'mod individwali biex in-nies jaraw il-wiċċ uman tagħna flimkien mal-viżjoni u l-għejxien tal-ħajja Agostinjana.

Dan t'hawn fuq huwa indirizzat b'mod partikolari għal żgħażagħ li jkunu spiċċaw is-sekondarja. Għal dawk l-adoloxxenti li għadhom fis-sekondarja, hemm is-sehem tagħna fic-*Chaplaincy* tal-Kulleġġ Santu Wistin u d-diversi attivitajiet, ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi, esperjenzi tal-ħniena ta'Alla, mumenti ta' *Pause for God*, *Justice & Peace Club*, jew li nkunu fil-grawnd magħhom nixxuttjaw xi ballun. Apparti dawn, fost oħrajn, ikun hemm proposta partikolari għal-laqgħa tal-vokazzjonijiet li ssir darba fix-xahar lill-grupp ta' studenti mill-Form 1 u Form 2 f'daqqa, u grupp ieħor mill-Form 3 u Form 4. Dawn il-laqgħat fi spirtu fratern ikunu indirizzati għal dixxerniment tad-diversi sejħat li Alla jagħmel, mhux biss dik tal-ħajja reliġjuża imma wkoll dik saċerdotali, ħajja miżżewġa jew single. Għal dawn iż-żewġ gruppi ser isiru *live-ins* fil-bidu ta' Lulju. Magħhom hemm ukoll grupp tal-Form 5, li għalkemm ma kienx hemm laqgħat apposta, imma permezz tad-diversi kuntatti, isir *live-in* għalihom fl-aħħar ta' Ġunju, fejn flimkien inkompli niskopru l-pjan sabiħ li Alla għandu għal kull wieħed minnhom.

Outreaches

F'din il-ħidma pastorali mhux biżżejjed li wieħed jistenna li ż-żgħażagħ jiġu għandna, imma wkoll fuq il-passi ta' Kristu, li kien dejjem iterraq it-toroq, aħna mmorru f'xi postijiet fejn hemm iż-żgħażagħ. Permezz tal-preżenza tagħna fil-*Higher Secondary* fin-Naxxar (li hija skola Sixth-Form għal żgħażagħ 'il fuq minn 16-il sena) ippruvajna ukoll inwasslu messaġġ pożittiv u ta' riflessjoni. Dan ukoll sar permezz

ta' *business cards* li ħejjejna bi frażijiet tal-Papa Franġisku għaż-żgħażagħ. Dawn kienu mezz ta' kif stajna nibdew laqgħa ma' dawn iż-żgħażagħ u li ma' wħud minnhom bdiet mixja ta' akkumpanjament. Avveniment partikolari ieħor kienet logħba football *2-a-side* forma ta' sfida liż-żewġ patrijiet Agostinjani li jkunu preżenti f'dik l-iskola. Wara kull logħba, peress li kien hemm diversi timijiet, konna nidħlu l-kappella flimkien magħhom, għal mument ta' talb quddiem l-Ewkaristija.

Wara dixxerniment ħassejna li tkun ħaġa sabiħa li jsiru *outreaches* jew kuntatti f'parroċċi partikolari. S'issa *outreaches* li saru kienu f'Għawdex. F'April iltqajna mal-grupp sabiħ tal-abbatini u tal-vokazzjonijiet tal-Parroċċa tax-Xagħra kif ukoll ma' żewġ gruppi ta' adolexxenti fil-Parroċċa tal-Qala. Fil-bidu ta' Ġunju morna ukoll il-Parroċċa tan-Nadur. Kienu dejjem esperjenzi sbieħ u li b'mod sempliċi twassal l-għażla għall-ħajja reliġjuża Agostinjana. Inbeda wkoll il-kuntatt mal-Parroċċa ta' Wied il-Għajn, biex jekk Alla jrid isir *outreach* b'mod differenti hemmhekk ukoll.

Esperjenza oħra ta' *outreach* b'mod differenti kienet il-*Way of Love and Mercy* – Via Sagra moderna f'forma ta' *praying stations.* Saret fil-kurituri tal-Kunvent fir-Rabat matul ix-xhur ta' Marzu u April u li għaliha kienu mistednin diversi gruppi ta' żgħażagħ Maltin. Kienet esperjenza differenti ta' kif wieħed jista' jiltaqa' miegħu nnifsu u jitlob b'mod differenti. Permezz tagħha, apparti li kien hemm ukoll xi żgħażagħ li resqu għas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni u l-esperjenza tal-ħniena t'Alla, kien hemm ukoll kuntatti għal akkumpanjament spiritwali u esperjenzi fil-kunvent tagħna.

Saru ukoll xi kuntatti oħrajn ma' għaqdiet oħrajn taż-żgħażagħ bħal Caritas Youths, Grupp Żgħażagħ Gudja, Manikata Teens, Aġenzija Żgħażagħ, KDŻ, grupp ta' żgħażagħ li qegħdin jistudjaw il-filosofija fil-*Higher Secondary*, kif ukoll ilqajna għal ftit ħin grupp ta' żgħażagħ Agostinjani mill-Kulleġġ Los Negrales, Madrid, fi Spanja. Preżenza differenti, ukoll mill-komunità tar-Rabat, u li għandha warajha l-għażla preferenzjali għall-foqra u l-imwarrbin, hija ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' darba fil-ġimgħa maż-żgħażagħ li bħalissa għaddejjin programm ta' riabiltazzjoni mid-droga f'San Blas.

Preżenti fir-realtajiet tagħna

Filwaqt li tingħata l-importanza liż-żgħażagħ, u wkoll l-outreaches, tingħata l-importanza meħtieġa għall-preżenza tagħna fir-realtajiet tagħna u wkoll mal-patrijiet. Dan sar b'mod partikolari fil-Kulleġġ tagħna Santu Wistin, permezz ta' materjal ta' promozzjoni vokazzjonali anke b'mod interattiv fil-*Parents Day* tal-Kulleġġ fis-settur primarju kif ukoll sekondarju. Marbuta mal-Kulleġġ, fejn kull form ikollu live-in għalih, kien hemm preżenza f'żewġ weekend live-ins li jorganizza l-Kulleġġ għall-istudenti fis-settur sekondarju. Dan ikompli jkun akkumpanjament ma' dawn l-adoloxxenti. Apparti dawn hemm il-preżenza fil-grupp tal-adoloxxenti f'Hal Tarxien u l-quddiesa tas-Sibt billejl f'Paceville.

Mill-aspett ta' formazzjoni għalina bħala familja Agostinjana ħejjejna ktejjeb b'diversi talbiet għall-vokazzjonijiet kif ukoll lista bid-dati tal-*birthdays* tagħna biex nitolbu u naħsbu f'xulxin. Stedinna ukoll diversi persuni lajċi qrib tar-realtajiet tagħna u patrijiet Agostinjani biex jiffurmaw parti minn *prayer web* għall-intenzjonijiet tagħna li naħdmu fil-qasam tal-vokazzjonijiet.

Avveniment sabiħ, li ser iseħħ fit-tielet ġimgħa ta' Lulju huwa l-Augustinian Youth Encounter (AYE) li ser isir fi Praga u li għalih intgħażel il-logo li ħejja ż-żagħżugħ Malti Christian Briffa kif ukoll l-innu uffiċjali tal-AYE *So Long* minn band Maltija *Footprints*. Għal dak l-avveniment ser inkunu 4 żgħażagħ Maltin u wara ningħaqdu ma' 5 żgħażagħ Maltin oħra (li jiffurmaw parti mill-grupp Agostinjan) fi Krakovja għall- World Youth Day, fl-laqgħa maż-żgħażagħ. Din ġabet magħha diversi preparazzjonijiet, team-building u laqgħat formattivi f'dan ir-rigward.

Inkomplu nersqu lejn definizzjoni tat-tifsira tal-"Kultura Vokazzjonali"

Forsi wieħed jagħmel l-osservazzjoni li hemm taħlita bejn il-pastorali taż-żgħażagħ u dik vokazzjonali. Hafna drabi hemm tendenza li jkun hemm distinzjoni bejn waħda u oħra. Imma l-prattika, il-prassi pastorali u wkoll t-teoloġija pastorali tirrifletti li għandhom ikunu flimkien u jkunu marbuta fil-ħames aspetti tal-pastorali, jiġifieri dik tat-tħabbira, katekeżi, liturġija, komunjoni u aspett soċjali. Dan kollu jwassal għall-kultura vokazzjonali.

Il-Kultura Vokazzjonali "hija l-ewwel għan tal-pastorali vokazzjonali, u forsi wkoll tal-pastorali ġenerali" li għandha tagħti kas ta' teoloġija vokazzjonali adekwata (għall-mentalità vokazzjonali); tqajjem spirtwalità vokazzjonali; u tagħti enfasi fuq tagħlim/pedagoġija vokazzjonali.

B'dan kollu, wieħed ikompli jistaqsi u jirrifletti: kif qiegħed jara dan il-punt importanti tal-vokazzjonijiet fil-ħajja tiegħu, fil-pastorali li jwettaq? Kif jista' jkun animatur vokazzjonali f'kull ministeru u pastorali afdat lilu?

P. TERENCE SPITERI OSA
P. DAVID CORTIS OSA

LIBRERIJA AGOSTINJANA

GĦELUQ IL-MITT SENA MILL-MIĠJA TAL-ISTATWA TA' SANTA RITA FIL-KNISJA TA' SANTU WISTIN TA' GĦAWDEX • 1916-2016

Dan il-ktejjeb huwa ppubblikat minn Patri Peter Paul Cachia biex ifakkar fl-Istorja tal-Knisja ta' Santu Wistin ta' Għawdex il-miġja tal-vara artistika tal-magħruf Wistin Camilleri li saret mitt sena ilu. Il-ktieb huwa mqassam fi tliet taqsimiet prinċipali: it-triq li wasslet lil Santa Rita għall-qdusija li hija ġabra fil-qosor tal-Istorja tal-Qaddisa tal-Impossibbli kif tiġi rrakkontata għaż-żminijiet tagħna tal-lum. It-tieni taqsima titratta d-devozzjoni u t-tradizzjoni ta' Santa Rita f'Għawdex. It-tagħrif ta' din il-parti huwa meħud direttament mill-arkivju tal-kunvent ta' Għawdex. Interessanti naraw li d-devozzjoni lejn Santa Rita f'Għawdex tmur lejn is-seklu tmintax fejn kwadru sabiħ bl-immaġni ta' Santa Rita kien ġie mogħti bħala vot lill-knisja ta' Santu Wistin minħabba grazzja maqlugħa minn għandha. Fit-tielet taqsima barra l-messaġġ li tħallilna Santa Rita nsibu ġabra kompleta ta' talb speċjalment għad-devoti tagħha. Huwa ktejjeb żgħir ta' 15cm b'10cm u fih 130 paġna mżejjen bl-istampi wkoll.

LAJĊI AGOSTINJANI
FIS-SENA TAL-ĠUBLEW TAL-ĦNIENA

Il-Kummissjoni Provinċjali tal-lajċi Agostinjani fl-okkażjoni tas-Sena Straordinarja tal-Ġublew tal-Lajċi, ħasbet biex torganizza diversi laqgħat u ċelebrazzjonijiet għal din is-sena partikolari. L-ewwel laqgħa saret fl-Oratorju Agostinjan f'Ħal Tarxien fil-25 ta' Novembru. It-tema tal-laqgħa kienet: iktar faċli għal Alla illi jżomm il-korla milli l-ħniena - Tħejjija għal Ġublew tal-Ħniena. Din il-laqgħa mela kienet maħsuba biex tintroduċi lil-Lajċi Agostinjani għas-sena tal-Ġublew li kellha tibda fit-8 ta' Diċembru. Il-laqgħa tmexxiet minn Patri Mario Attard OFM Cap. Huwa introduċa lil dawk preżenti għall-Bolla ta' Indizzjoni, MISERICORDIAE VULTUS, li biha l-Papa kien ħabbar is-Sena Straordinarja tal-Ħniena.

It-tieni laqgħa kienet saret fi żmien ir-Randan u ħadet il-forma ta' Ċelebrazzjoni Penitenzjali. Din saret nhar il-Ħamis, 11 ta' Frar fis-Sala tal-Kulleġġ Santu Wistin f'Tal-Pietà, u kienet immexxija

minn Simons Schembri, lajk Agostinjan, impenjat ħafna u għal żmien twil fil-komunità u l-knisja tagħna Paceville kif ukoll fil-Millennium Chapel. Iċ-ċelebrazzjoni kienet ibbażata fuq diversi riflessjonijiet fuq il-Parabboli tal-Ħniena li nsibu fl-Evanġelju. Kienu preżenti diversi Patrijiet Agostinjani għall-qrar.

Imbagħad nhar il-Ħamis, 31 ta' Marzu l-Kummisjoni organizzat laqgħa b'differenza. Il-lajċi kienu mistiedna jinġabru ħdejn iċ-ċimiterju

tal-Mellieħa. Minn hemm imxew b'pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Mellieħa. Matul dan il-pellegrinaġġ waqfu għal diversi stazzjonijiet fejn saru riflessjonijiet dwar il-ħniena. Qabel ma daħlu mill-bieb tas-Santwarju li huwa wieħed mill-Bibien tal-Ħniena fl-Arċidjoċesi ta' Malta, huma nġabru fuq iz-zuntier fejn ġie spjegat lilhom li għal xi żmien l-Agostinjani kellhom il-kura ta' dan is-Santwarju u l-appostolat man-nies tal-Mellieħa. Wara ġie spjegat is-sinifikat tal-Bieb tal-Ġublew tal-Ħniena u l-indulġenza plenarja li tintrebaħ għal min jgħaddi minn dan il-bieb. Meta kulħadd daħal fis-Santwarju saret Vista lil Ġesù Sagramentat u bdiet il-quddiesa. Qaddes il-quddiesa Patri Peter Paul Cachia

OSA. Fl-omelija tkellem dwar l-esperjenza li kellu Santu Wistin tal-ħniena ta' Alla. Waqt il-quddiesa sar ukoll it-tiġdid tal-Magħmudija. Kien hemm ukoll il-possibiltà tal-qrar. Wara l-quddiesa, il-lajċi Agostinjani marru fid-Dar tas-Sorijiet Agostinjani f'Għajn Żejtuna, il-Mellieħa stess, fejn kielu. Wara kellhom laqgħa mmexxija minn żewġ lajċi Agostinjani, Doreen u Andrè Vassallo Grant. Doreen u Andrè ilhom midħla tagħna l-Agostinjani minn qabel ma żżewġu. Doreen u l-familja tagħha kienu midħla sew tal-komunità tagħna f'Ħal Tarxien, waqt li Andrè u l-familja tiegħu kienu midħla ħafna tal-komunità tagħna f'Paceville. Illum huma t-tnejn membri fil-Kummissjoni tal-Lajċi Agostinjani u Dorren taħdem fil-Millennium Chapel. It-tema tal-laqgħa kienet: kif nistgħu ngħixu l-ħniena fil-prattika. Wara li saret introduzzjoni, il-lajċi preżenti kienu maqsumin f'diversi gruppi fejn kull grupp kellu jiddiskuti kif fil-prattika wieħed jista' jgħix l-opri tal-ħniena. Wara kull gurpp irrapporta dak li ntqal f'kull gurpp lill-assemblea.

L-aħħar laqgħa tal-lajċi Agostinjani kienet il-Festa Familja Agostinjana 2016 li saret fil-knisja u l-kunvent Santu Wistin f'Għawdex. Din saret nhar il-Ħadd, 5 ta' Ġunju. Il-ġurnata bdiet b'quddiesa mmexxija mill-Pirjol Patri Adeodato Schembri OSA. Wara saret taħdita mill-Eċċ. Tiegħu Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

P. FRANCO GRECH OSA

MEMBRI TAL-KUMMISSJONI TAL-LAJĊI AGOSTINJANI

Ritienne Debono
President tal-Kummissjoni u Delegata Provinċjali għal-Lajċi. Bħalissa Ritienne tinsab imsiefra għal sena, minħabba xogħol u studju.

Glenn Mifsud
Għalliem fis-Settur Sekondarju tal-Kulleġġ Santu Wistin, Segretarju tal-Kummissjoni

Victor u Tanya Spiteri
Lajċi impenjati fil-Kappella ta' Santa Rita u l-Millennium Chapel

Doreen u Andrè Vassallo Grant
Midħla tal-Komunità f'Tal-Pietà u l-Millennium Chapel f'Paceville.

P. Franco Grech OSA
Assistent Reliġjuż

SR RACHEL FRENDO ASĠM

Nifirħu lill-Sr Rachel, il-Provinċjala l-ġdida tas-Sorijiet Agostinjani Servi ta' Ġesu'. Nifirħu wkoll lill-Kunsilliera l-ġodda:

- ➔ Sr Miriam Grech
- ➔ Sr Grace De Battista
- ➔ Sr Marica Briffa
- ➔ Sr Marvic Saliba
- ➔ Sr Sandra Gauci
  Segretarja Provinċjali
- ➔ Sr Atanasia Buhagiar
  Ekonoma Provinċjali

Il-Mulej ibierek il-għaqda u l-ħidma l-ġdida tagħkom.

IN MEMORIAM

FR PAUL AQUILINA OSA

1946 – 2016

WHAT THE RESURRECTION TEACHES US IS NOT HOW TO LIVE, BUT HOW TO LIVE AGAIN, AND AGAIN, AND AGAIN!

The Maltese Augustinian Province mourns yet another brother! Fr Paul Aquilina OSA died on the 2nd April, 2016 and his funeral was held on the 4th April at St Mark's Priory – Rabat. He was 70 years old.

Fr Paul – son of Nicholas and Therese – was born in Siggiewi (Malta) on the 29th January, 1946. He studied at St Albert College (Valletta) and at St Augustine College (Pieta). He joined the Augustinian Order in 1964. On the 3rd October, 1965 he took Simple Vows and began his Philosophical and Theological studies. On the 6th October 1968 he took Solemn Vows at St Mark's Priory – Rabat. He was ordained Priest on the 17th December 1972.

He lived his 44 years as a priest in Malta, then in Brazil (1974-1990) and then back in Malta in Valletta, Pieta and finally in Rabat. He was a community person, always jovial and had the rare gift of making everyone feel comfortable with him. In these last years, he used to spend a lot of time ministering to the sick and eldery. The huge participation on his funeral day showed how much he was loved.

During his funeral mass, the Prior Provincial Fr Ray, reflected on the Lord's Resurrection as a very 'serious' subject indeed, because in it we receive the offer to rejoin our little existence to the life of God eternal.

In these days we are called to discern the Gospel words: "Why are you looking for the living among the dead? Go instead into Galilee and you will find him there!" Go instead into Galilee. Why Galilee? What's Galilee? And how do we get there?

In the gospels, Galilee is not simply a geographical location, a place on a map. It is first of all a place in the heart. As well, Galilee refers to the dream and to the road of discipleship that the disciples once walked with Jesus and to that place and time when their hearts most burned with hope and enthusiasm. And now, after the crucifixion, just when they feel that the dream is dead, that their faith is only fantasy, they are told to go

back to the place where it all began: "Go back to Galilee. He will meet you there!"

And they do go back to Galilee, both to the geographical location and to that special place in their hearts where once burned the dream of discipleship. And just as promised, Jesus appears to them. He doesn't appear exactly as he was before, or as frequently as they would like him to, but he does appear as more than just a ghost and a memory. The Christ that appears to them after the resurrection is in a different modality, but he's physical enough to eat fish in their presence, real enough to be touched as a human being, and powerful enough to change their lives forever. Ultimately that's what the resurrection asks us to do: To go back to Galilee, to return to the dream, hope, and discipleship that had once inflamed us but has now been lost through disillusionment. In one guise or another, Christ always meets us on the road to those places, burns holes in our hearts, explains our latest crucifixion to us, and sends us back – and to our abandoned discipleship. Once there, it all makes sense again.

The Paschal season calls us all to to walk away from being joyless and sad, and to bury our heavy moods, our discouragment, our lost innocence, our deep tiredness and our despairing realism. It is true that we are human and we cannot avoid falling - into depression, bitterness, sin, betrayal, cynicism and the tiredness that comes from age. Like Jesus we too have our crucifixions. More than one grave awaits us. Yet our faith in the Resurrection invites us precisely to live beyond these. One can say that Resurrection teaches us not how to live – but how to live again, and again, and again!

We will always enjoy remembering his *persona*, his humanity, his vocation, his hope, his self-giving life and how he struggled [health wise] until the very last day. He brought life and hope to birth and I believe that even though we 'lost' him, he will continue to nourish us and sustain us. Paul - may you rest in peace: you truly deserve it! And may enjoy everlasting friendship at the Lord's table.

FR RAY FRANCALANZA OSA
PRIOR PROVINCIAL

ISTITUT AGOSTINJAN

Nhar il-Ġimgħa, l-1 t'April 2016 saret iċ-ċerimonja tat-tqassim ta' Ċertifikat ta' Attendenza lil madwar 50 parteċipant fil-korsijiet tas-sena akkademika 2015-2016 tal-*Istitut Agostinjan*. Iċ-ċerimonja ngħatat bidu b'Quddiesa preseduta minn P. Pierre Desira OSA, Assistent Direttur tal-*Istitut Agostinjan*, flimkien mar-Revdu Dott. Mark Sultana, Direttur tal-*Istitut Formazzjoni Pastorali* tal-Arċidjoċesi. Il-Quddiesa ġiet animata mill-Komunità tal-Klarissi ta' S. Ġiljan. Wara l-Quddiesa, id-Direttur, il-Professur P. Salvinu Caruana OSA, għamel diskors ta' tmiem is-sena akkademika, u lejn l-aħħar, huwa ta ħjiel tal-korsijiet għas-sena akkademika 2016-2017. Wara għamel diskors tal-okkażjoni l-Professsur David J. Attard, Kanċillier tal-Università ta' Malta, li kien akkumpanjat mis-Sinjura Dott.sa Attard. Huwa fisser l-importanza ta' S. Wistin imqar fil-qasam legali u kien kburi li kellu x-xorti jassisti għal dan l-avveniment tal-*Istitut Agostinjan*, li firex il-ħidma tiegħu sa ġewwa l-ħitan tal-Università ta' Malta kemm bil-preżenza ta' P. Salvinu fil-Fakultà tat-Teoloġija u d-Dipartiment tal-Filosofija, kif ukoll bis-saħħa tal-*Annual Saint Augustine Lecture*. Il-Professur Attard ppreżenta kopja tal ktieb *The Maltese Legal System* v. 1 lil P. Salvinu, u s-Segretarja, Ms Antoinette Borg, f'isem l-*Istitut Agostinjan*, ippreżentat ikona tal-fidda u ktieb dwar S. Wistin lill-Prof. Attard, u donazzjoni lill-komunità tal-Klarissi. Wara ngħata riċeviment b'ġieħ lill-Prof. D.J. Attard u s-Sinjura Attard u l-gradwati.

P. SALVINU CARUANA OSA

IRTIR TAL-PROVINĊJA – ĠUNJU 2016

Esperjenza pożittiva ta' tiġdid:

Grazzi lill-Provinċjal u lill-Membri tal-ekipp tal-Formazzjoni Permanenti, kellna esperjenza fl-irtir, li żiedet il-kwalità tal-formazzjoni tagħna. Il-predikatur Patri Chris Caruana OP, għaddielna sensiela ta' riflessjonijiet dwar is-Sens tal-ħajja tagħna, il-Pjan ta' Alla fis-sejħa nisranija, il-Maħfra bħala Esperjenza ta' ġid li titfagħna lura fid-dixxipulat, u l-Preżenza tat-Tbatija fl-istorja tagħna bħala opportunità ta' approfondiment fil-fidi tagħna. Huwa għamel ministeru magħna mill-aktar entużjast.

Fil-grupp li attendejna dan l-ewwel irtir 2016 għall-membri tal-Provinċja, konna mħallta bejn etajiet u komunitajiet. L-orarju ftehmnieh fil-bidu bejnietna. Kien żmien ta' mistrieħ mir-ritmu tal-ħajja tas-soltu. Sibna ħin fejn naqsmu bejnietna dak li nemmnu fih. Stajna nisimgħu 'l xulxin u nsiru aktar konxji tad-tbatijiet fil-qalb tal-aħwa. F'nofs l-irtir iċċelebra l-Quddiesa magħna l-Provinċjal, fejn eżortana għall-awtentiċità fir-risposta tagħna lejn Ġesù Kristu li fdiena. Il-Komunità ta' Għawdex laqgħuna tassew fid-Dar tal-Irtiri.

Punti mid-9 konferenza, li tant laqtuni għax utli. Il-Predikatur għamlilna lista ta' kriterji li bihom naslu nistħarrġu kull attitudni tagħna:

Fil-qalba ta' ħajjitna (ukoll bħala organizzazzjoni), hemmx Ġesù Kristu?

Għalhekk naraw hemmx l-ispiritwalità tas-salib?

Qalbna hijiex marbuta ma' persuni, affarijiet jew ġid materjali?

Hemmx fina l-kapaċità li naqdfu kontra l-kurrent, fi bżonn ta' dan?

L-imġiba tiegħi ġġibx komunjoni?

Hemmx fija dispożizzjoni li jmexxini l-Mulej, lejn dak li ma nafx?

Hemmx fija mġiba li ssaħħaħ il-valur uman tal-persuna l-oħra?

Hemmx tama tassew f'Alla li jipprovdi "dak li jżomm il-wegħda"?

Hemmx fija mħabba sinċiera għal Alla, biża' li nitilfuh, fil-għażliet liberi li nagħmel?

P. JOSEPH ZAMMIT OSA



SANTU WISTIN IFITTEX 'L ALLA

Mitluf, waħdi niġġerra fi ħsiebi,
Biex infittex lil Dak li ħabbejt,
U hekk qalbi bil-ħeġġa titfawwar,
Kif xtaqt darba, għalhekk Lilu nsejt.

Ħsiebi sar, bħal għasafar tal-ajru,
Li jittajru fil-ogħla smewwiet,
Għax hu mxennaq biex fis jista' jgħarrex,
Qalb il-fwieħa tal-ogħla ħlewwiet!

Ma nistax nibqa' mxennaq għas-Sewwa,
Jeħtieġ ngħaġġel, nittajjar 'il fuq,
Jeħtieġ nofroq is-sħab li jgħattini
Biex l-Imħabba bi ġmielha induq.

Iżda mnejn jien sa nterraq biex nilħaq!
Uruhieli, O ħlejjaq, it-triq,
Biex insib is-Sultan li qed jgħasses,
Fuq din artna maħnuqa bl-ilfiq.

Hu jkebbisli lil qalbi bil-ġamar,
Biex nissaffa, nitbiegħed mill-hemm,
Sakemm naqbad u nsir ġamra waħda,
U nispiċċa, nixxejjen, nintemm…

U issa ħieles għalkollox mid-diqa
Li ħallietni nitkasbar fit-trab.
Issa nista' bla biża' nistaqsi:
"Min hu Alla, fejn Huwa jinstab?"

Staqsejt 'l-art jekk hix Alla: weġbitni:
"Jien m'iniex; ibqa' fittex u dur."
Staqsejt l-ilma li jgħannaq u jbewwes
Lil din l-art, li ħallietni indur.

Iżda bħalha telaqni, ħallieni
Nibqa' ngħarrex fit-triq li għaddej;
"M'aħniex Alla li qiegħed int tfittex",
Ilkoll f'daqqa weġbuni, Mulej!

Bqajt nittajjar, fil-għoli, fl-ispazju,
Fost id-dija tal-isbaħ maħluq,
U staqsejtha hix alla setgħana,
Li dawlitni biex nitla' hawn fuq.

Izda lanqas dis-safa ta' ħlejjaq,
Ma hi Dak li ħalaqni mix-xejn.
U jien dejjem għatxan għall-imsiba,
Li bi ġmielha hi tgħammex l-għajnejn.

Jien staqsejthom għall-anqas jgħiduli
Fejn se nsibha dix-xmara ta' ġmiel,
Li ħallietni niġġerra, nittajjar,
Biex ikolli għall-anqas xi ħjiel.

L-univers kien dlonk f'daqqa weġibni:
"M'aħniex Dak li jinsab kullimkien;
Aħna ħlejjaq ilkoll bla ma nafu
Ta' dak Alla Sultan tal-ħolqien".

U kif smajtha dil-kelma, tregħ'dt jiena,
U nżilt b'sabta bħal seqer milqut,
U bdejt ninsa lil min kien madwari
Biex, O Alla, fi ħdanek immut.

Int lil qalbi fawwartha b'imħabbtek;
U bħal vleġġa tal-efrem azzar,
Illi taħraq u tikwi u tħammar,
Hassejt f'qalbi msoffija fin-nar.

Ħsiebi sar bħal għasafar tal-ajru,
Li jittajru fil-ogħla smewwiet,
Għax hu mxennaq biex fis jista' jgħammar
Qalb il-fwieħa tal-ogħla ħlewwiet!

PATRI PATRIZJU MALLIA OSA – 1954

IL-MONASTIĊIŻMU

IL-BNIEDEM LI JAGĦŻEL LI JIBQA' WAĦDU GĦAL ALLA

"Il-monastiċiżmu?" qalli, "il-monastiċiżmu hu fillieri ta' rġiel b'wiċċ magħlub, b'għajnejn mitfugħa lejn l-art u b'xufftejn ma jafux jitbissmu!" Bqajt inħares lejh, ma nafx għandix nieħu kliemu bħala ċajta jew le.

"Le," iddefenda lilu nnifsu, "m'iniex niċċajta! Għalija l-monastiċiżmu hu moviment ta' nies li għażlu li jgħixu fil-penitenza għax aktarx huma mdejqin bihom infushom. Id-dwejjaq tagħhom ipproġettawhom fuq il-ħajja, u biex, bħal speċi jifduha, issublimaw lill-istess penitenza. Jekk mhux dan, x'inhi l-ħajja monastika?"

Ma kienx l-ewwel persuna li esprima miegħi dawn il-ħsibijiet. Madankollu, ħsibijiet bħal dawn ma jistgħux ikunu aktar żbaljati milli huma, u dan m'iniex ngħidu għax qrajtu fil-kotba, imma għax jien stess għext f'laħmi u f'għadmi l-esperjenza monastika fl-estrem tagħha, bħala eremit, għal erbatax-il sena sħaħ.

Nistqarr: mhux dejjem kien ħafif li ngħix din is-solitudni, u mhux dejjem kien hemm triq watja quddiemi; xi drabi wkoll ħassejtni se nitgħaffeġ taħt il-piż, jew fuq xfar ta' rdum lest biex naqa'. Madankollu ma nistax naħbi l-fatt li fil-qalba tal-esperjenza kollha dejjem kien hemm paċi li ebda kliem ma jfisser, u dan minkejja li din il-paċi ma tkunx tidher u tinqabad daqshekk mis-sensi. Hi paċi li tgawdiha r-ruħ, paċi li jkollha s-setgħa tibqa' tmexxik anki meta d-dlam madwarek ikun sar ħajt tal-bronż, u għajnejk la jaraw kwiekeb u lanqas destinazzjoni.

Is-sigriet ta' din il-paċi hija l-istess *ruħ* tal-monastiċiżmu. Ippermettuli nitkellem ftit fuq din ir-*ruħ*, li mingħajrha l-moviment monastiku kollu ma jkunx għajr akkumulazzjoni ta' tradizzjonijiet u drawwiet li, fl-aħħar mill-aħħar, huma iddestinati biex jintemmu bħalma jintemmu mikula mill-kamla t-tonok u l-bqija tal-aċċessorji 'qaddisa' kollha!

Ir-Regola ta' San Benedittu tiftaħ bis-sejħa għas-smigħ: "Isma', ibni… " – smigħ li għandu l-għan li jqegħidna fit-triq li twassal għall-ubbidjenza (li hi l-antidotu waħdieni għad-diżubbidjenza li waqajna fiha), li ma jmurx jiġri, tkompli l-istess Regola, li l-Missier "jikkundannana għal dejjem bħala qaddejja ħżiena li ma ridux jimxu warajh fit-triq tal-glorja."

Kliem bħal dan juri minn kmieni x'mixja hi mifhuma li tkun il-mixja monastika. Mhux talli mhix mixja fid-dwejjaq, talli hi mixja fit-triq tal-glorja. Il-għala triq tal-glorja? Għax hi mixja lejn il-qalba, hi nżul lejn l-essenza, hi vjaġġ lejn is-santwarju ġewwieni: il-post il-qaddis mnejn din il-glorja – bi grazzja – iżżernaq, tissawwab u taħtafna fiha.

Il-glorja li qed nirreferu għaliha hija dik tad-divinizzazzjoni – dik li 2 Piet 1, 4 issejjaħ bħala "seħib (dejjem bi grazzja) fin-natura ta' Alla". M'hemmx xi ngħidu, din il-grazzja mhix biss id-destinazzjoni aħħarija ta' kull monaku; din hi sejħa magħmula lil kull bniedem, u għalhekk ukoll lil kull nisrani. Imma l-monaku, fl-aħħar mill-aħħar, ma jrid xejn għajr li jgħix b'fedeltà l-wegħdiet tal-magħmudija, u għalhekk ikun Nisrani. Bħala Nisrani mbagħad ma jrid jokkupa ebda ċentru, għax iċ-ċentru tiegħu huwa diġà meħud: huwa diġà okkupat mill-viżjoni (fil-misteru) tal-Iben – ta' Kristu. Ma jfittixx il-ħajja monastika bis-serjetà min qalbu mhix mimsusa diġà mis-sbuħija ta' Kristu.

Kristu, fih innifsu, joffri viżjoni ta' ġmiel, għax Kristu hu sabiħ fl-aspetti kollha tiegħu. Kristu hu sabiħ dejjem: sabiħ fil-ħlewwa tiegħu mat-tfal; sabiħ fil-qilla tiegħu kontra l-ipokrisija; sabiħ meta jfejjaq; sabiħ meta jċanfar; sabiħ meta jibki; sabiħ meta joħroġ minn sensih bil-ferħ; sabiħ meta l-persuna tiegħu hi f'kollokju ta' mħabba mal-Missier; sabiħ ukoll fl-għajta oskura tiegħu minn fuq l-għuda: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, l-għala tlaqtni?"

Hu f'liema qagħda hu, Kristu hu dejjem sabiħ, u dan il-ġmiel ġej mill-fatt li huwa hu l-Verità, il-Verb tal-Missier li bih sar kollox u li mingħajru ma sar xejn milli sar (Ġw 1: 3). Bħalma Kristu hu d-destinazzjoni tagħna (hu fuq ix-xbieha tiegħu li aħna lkoll, bi grazzja fuq grazzja, qed ningħataw sura), hu wkoll il-punt tat-tluq tagħna.

Dan kollu, il-bniedem li jkun għażel (bħala tweġiba għal sejħa vera) it-triq tal-monakeiżmu, b'xi mod ikun diġà intuwixxih. Għax dak li jmexxih (anki misterjożament) ikun l-għatx, l-għatx tal-qalb, tar-ruħ, tal-ispirtu ... għal Alla – għal Alla fi Kristu, għax Kristu jibqa' l-unika triq li twassal sa għandu.

Huwa dan l-*għatx* ir-*ruħ* tal-moviment monastiku – *għatx* li hu tiftixa daqskemm hu sejba; *għatx* li hu karba mill-qigħan daqskemm hu għajta ta' hena mill-quċċata. Dan hu *għatx* li ladarba jkun ħakmek, ma jħallilek mistrieħ imkien, u f'xejn jekk mhux f'dak li għandu x'jaqsam mal-Assolut.

Aktar 'il fuq għedt li ċ-ċentru tal-monaku (il-bniedem li jagħżel li jibqa' waħdu għal Alla) hu meħud diġà. Huwa minħabba dan il-fatt li għalih innifsu l-monaku jagħżel il-periferija, ikkaratterizzata mis-skiet u s-solitudni, u mid-distanza mill-ilwien jgħajtu tas-soċjetà. Ħajjet il-monaku hi wkoll ikkaratterizzata mill-'monotonija' ta' ħajja ritmika għall-aħħar – ritmi li għandhom l-iskop li jżidu s-skiet, jittempraw is-solitudni u jinnewtralizzaw l-ilwien – biex il-qalb ma ssibx mistrieħ jekk mhux fil-Ġmiel veru: f'Alla.

Quddiem Alla, li hu l-Kollox, ma nistgħux nieqfu fuq riġlejna, ma nistgħux irrieġu jekk ma nkunux ukoll għarwiena. Id-dawl tal-kontemplazzjoni tiegħu ma jistax jolqotna hekk li jagħmina, jekk il-mixja lejn l-għera tagħna – jiġifieri lejn it-tneżżigħ tal-bniedem il-qadim – ma titteħidx bis-serjetà. Is-skiet u s-solitudni, fi ħdan il-ħajja monastika, mhuma qatt imħaddna għalihom infushom, imma biex ikunu triq għat-tisfija, li min-naħa tagħha tagħmel possibbli s-smigħ, l-attenzjoni. Tkun din l-attenzjoni li tiftaħ il-bniedem għall-ubbidjenza. Din l-ubbidjenza, min-naħa tagħha, twaħħad lill-bniedem mal-Iben ubbidjenti, li fih, bil-qawwa tal-Ispirtu, nikkontemplaw lill-Missier. Hi ubbidjenza li tiftaħna għall-misteru tat-Trinità.

Ippermettuli nieqaf għal ftit waqtiet fuq is-skiet u s-solitudni li tmur miegħu.

Jidher li d-dinja li qed ngħixu fiha llum qed teżiljana 'l barra minna nfusna aktar minn qatt qabel. Qed toħroġna 'l barra b'mod tassew tal-biża'. Għadna nifhmu x'iġifieri tgħix fuq 'ġewwa', fl-intimu ta' ruħek, taħt il-ħarsa ta' Alla tiegħek? Għadna nifhmu x'iġifieri li Alla jinsab fis-santwarju ta' qalbna? Illum donnu kulħadd hu mwaħħal fix-xbihat offruti lilna bil-mijiet fil-mezzi tal-komunikazzjoni (bħalma hu l-*facebook*, pereżempju). Kulħadd donnu mwaħħal 'il barra mill-intimità ta' qalbu, inkullat mal-ġrajjiet tal-ħajja tal-oħrajn, iċċentrat fuq l-imġiba tagħhom u fuq kliemhom.

Ta' min jistaqsi llum: hemm wisa' għas-smigħ ta' dak li hu l-għatx fiċ-ċentru tal-qalb? Hemm wisa' għas-skiet li jagħmel lil dan is-smigħ possibbli? Hemm wisa' għas-solitudni li tagħmilha possibbli li niskopru u nsofru dan l-għatx? Qed nuża l-kelma 'nsofru', għax hekk hu: l-għatx ma jinbidilx f'ilma qabel ma nkunu sofrejnieh. Is-

solitudni ma tinbidilx f'esperjenza ħelwa ta' Preżenza qabel ma nkunu għexnieha fil-qilla tagħha. Qed nitkellem minn 'ħlewwa', u b'dan m'iniex nirreferi għall-emozzjoniijiet ta' gost fil-parti l-aktar immedjata tas-sensi tagħna. Bi 'ħlewwa' qed nifhem dik it-tgawdija paċifika (anki fit-tbatija) tal-essri tiegħi miftuħ mill-qalba għall-Misteru ta' Alla, li fih kollox jitħarrek, kollox jieħu n-nifs, kollox jeżisti.

Il-ħtieġa tas-skiet għall-bniedem tal-lum hi kbira. Din il-ħtieġa l-ewwel nett hi marbuta mal-fatt li biex nikkomunikaw ma' xuxlin b'mod ekwilibrat u bis-sens jeħtieġ li nkunu lħaqna fina nfusna grad ta' armonija bejn il-kelma u s-skiet. Huwa s-skiet li jwelled il-kelma. Min-naħa tagħha l-kelma mhi qatt hemm biex tfarrak is-skiet. Is-skiet jibqa' spazju għall-kelma, jibqa' l-ħdan li minnu l-kelma tinstema'. Iż-żewġ realtajiet mhux talli ma joqtlux lil xulxin, talli jimxu flimkien, huma kumplimentari.

Imma x'qed jiġri madwarna? Kliem, kliem u kliem, oċean ta' kliem; kliem li mhux ifur mis-skiet intern, imma mill-istorbju li naħbu fina; kliem immirat biex ifiehem, imma li, minflok,



San Benedittu

qed joħloq aktar konfużjoni, aktar taħwid, aktar disgwid.

Il-ħtieġa kbira tas-skiet mhijiex ħtieġa antropoloġika biss, imma hija wkoll ħtieġa spiritwali.

Mill-Iskrittura nafu li r-rivelazzjoni ta' Alla bibliku ma tasalx għandna biss permezz tal-kelma. Tasal għandna wkoll permezz tas-skiet. Ir-rakkont ta' Elija jitkellem ċar ħafna dwar dan. Kien fil-'ħoss' tas-skiet li l-profeta għaraf il-Preżenza ta' Alla.

Mill-bniedem Alla jitlob is-smigħ, imma s-smigħ mhux possibbli fejn m'hemmx skiet. Bi skiet hawn m'aħniex nifhmu biss in-nuqqas ta' kliem, id-dixxiplina fuq l-ilsien, imma qed nifhmu s-skiet interjuri – dak is-skiet li jeħodna fina nfusna, u jroddna lilna nfusna. Fi kliem ieħor qed nitkellmu minn dak is-skiet li jagħmilna konxji minna nfusna, weqfin quddiem dak li hu essenzjali. Dan hu s-skiet li jħares l-interjorità tagħna.

Is-skiet tal-ilsien mhu qatt is-skiet aħħari. Is-skiet tal-ilsien hu mħaddan biex ikun passaġġ għas-skiet fuq dimensjoni oħra: is-skiet tal-ħsibijiet, tal-viżjonijiet/xbihat, tar-ribelljonijiet u r-rabja, tal-ġudizzji, tat-tgergir. Dan huwa s-skiet tal-qalb – skiet li hu riżultat ta' tisfija.

Fi ħdan il-ħajja monastika huwa dan is-skiet li hu mfittex. Id-dixxiplina fuq ix-xufftejn, fuq l-għajnejn, fuq il-widnejn, huwa lejn dan li trid twassal. Hija t-tisfija tal-qalb li ġġib fil-bniedem l-għaqda: li hi l-fidwa mill-frammentazzjoni li jinsab fiha.

Huwa f'qalb sħiħa u magħquda fiha nnifisha li l-kelma ta' Alla tikkomunika l-ogħla sens tagħha. Huwa f'qalb bħal din li l-Kelma ta' Alla tintlaqa' b'mod perfett.

F'din il-qalb allura s-skiet isir adorazzjoni tal-Preżenza ta' Alla.

Dan huwa s-skiet li jwassalna biex ngħixu fina nfusna taħt il-ħarsa ta' Alla, kuntenti bi mħabbtu, mimlijin bi mħabbtu, nirradjaw imħabbtu.

FRA GIOELE GALEA

PALAZZ VERDALA – BUSKETT

FESTA TA' SANTA RITA

Għaddiet sena oħra u hekku li fil-5 ta' Ġunju 2016 ġiet iċċelebrata l-festa ta' Santa Rita tal-Buskett, kif ilha magħrufa minn żmien ir-Rettur tas-snin ħamsin, sittin u parti mis-sebgħinijiet - P. Rafel Azzopardi OSA. Din is-sena ġiet organizzata minn P. Raphael Abdilla, ir-Rettur il-ġdid, wara l-mewt għal għarrieda ta' P. Pawl Aquilina OSA.

Bħal kull sena din il-festa ġiet iċċelebrata fil-kappella tal-Kastell Verdala - iddedikata lil Sant'Anton Abbati - bil-permess ġentili tal-Eċċellenza Tagħha l-President M. L. Coleiro Preca. Il- ġonna tal-Kastell u mhux inqas id-devozzjoni lejn il-Qaddisa tal-Impossibli, bħal kull sena ġibdu ħafna nies minn kull rokna ta' Malta biex flimkien mal-komunità tal-Buskett jiċċelebraw din il-festa sempliċi f'ġieħ Santa Rita. Il-quddiesa tat-8 ta' filgħodu, kienet iċċelebrata mill-Arċipriet tar-Rabat, Rev. Kan. Louis Suban; l-attendenza kienet sabiħa ħafna. Patri Pawl Muscat OSA qaddes il-quddiesa tal-10.30.

Il-qofol tal-festa ntlaħaq waranofsinhar. In-nies kienet ilha tinġabar mill-4.30 biex tieħu sehem fil-purċissjoni bl-istatwa tal-qaddisa, li għall-ewwel darba din is-sena, bdiet fis-6.00 minn ħdejn ir-rixtellu prinċipali tal-ġonna tal-Kastell, fejn in-nies sabet l-istatwa ta' Santa Rita tilqagħhom, L-istatwa twasslet għal quddiem tal-Kastell, akkumpanjata mill-grupp ta' Scouts ta' Had-Dingli. Wara li sar it-tberik tat-tfal u tal-ward, bdiet il-Quddiesa Solenni ċċelebrata mill- Pirjol tal-Kunvent San Mark – Rabat, Patri David Cortis OSA flimkien ma' Patri Raphael Abdilla OSA, Patri Pawl Muscat OSA u Patri Terence Spiteri OSA. L-għana tal-għasafar fis-siġar, akkumpanja l-kant tal-kor u l-kongregazzjoni. Bħal kull sena kienet festa sempliċi mingħajr storbju ta' murtali u marċi tal-baned. L-importanti għal kull min ħa sehem, flimkien iċċelebrajna l-Ewkaristija fil-ġabra u s-sbuħija tan-natura li kellna madwarna. Dehret ukoll l-għaqda li teżisti fost il-membri tal-komunità tal-Buskett, fejn ħafna taw l-għajnuna tant apprezzata tagħhom - armar tad-damask u arranġament ta' fjuri; armar ta' bandalori u bnadar; min mexxa bejgħ ta' luminati, birra, u pastizzi; bejgħ ta' affarijiet ta' Sta Rita - domni, santi, kuruni; bejgħ ta' pjanti.

Festa sempliċi imma li tat pjaċir u sodisfazzjon lil kull min kien preżenti u ħadem biex tirnexxi u titkattar id-devozzjoni lejn Sta Rita.

THERESE MIFSUD

L-ESPERJENZA FIL-BAĦRIJA... SENA U NOFS WARA!

Kif jgħaddi ż-żmien! Filli għadha ħolma... mbagħad żerriegħa żgħira li bdiet tikber... fis-skiet, fix-xhieda tal-aħwa, fis-servizz tagħna... hu l-vjaġġ fejn il-qlub bdew jiltaqgħu... aħna li bdejna nsiru nafu lil din il-komunità nisranija... u huma lilna!

Ir-ritmu hu wieħed qawwi... kalendarju pastorali li s-soltu ssib fil-ħidmiet tagħna. Bdejna bis-sena tal-Ġublew tal-Ħniena, imbagħad l-Avvent, il-Lejl tal-Milied, it-tmiem u l-bidu ta' sena ġdida. Imbagħad ġew mal-ewwel ir-Randan, l-eżerċizzi, it-tridu paskwali, l-esperjenza sabiħa tat-tberik tal-familji. Imbagħad Jum il-Preċett, wara l-Qalb ta' Ġesù u dal-jiem qed inħejju għal sitt ġimgħat esperjenza oħra tas-*Summer Club*. Din hi attività pjuttost kbira f'sens ta' impenn ta' voluntiera, ġenituri, programmar li jrid jsir, attivitajiet eċċ. Jispikkaw f'dawn ix-xhur in-numru ta' magħmudijiet li jkollna ta' spiss... ġieli kull nhar ta' Ħadd.

Il-komunità tagħna tar-Rabat baqgħet għall-grazzja ta' Alla impenjata b'mod ġeneruż u sabiħ ħafna... u li jarawna flimkien, jagħrfuna fl-uċuħ, fl-ismijiet u fl-enfasi li nagħtu hi wkoll minnha nfisha xi ħaġa profonda ħafna. Minn wara l-mewt ta' Patri Pawl, Patri Rafel beda hu jieħu ħsieb l-anzjani u l-morda... ħaġa li jagħmilha b'imħabba kbira wkoll.

Jien kemm nista' bqajt nikkordina kulma hemm bzonn mas-*Service Team* tal-post u mal-gruppi li hemm f'din il-komunità. Din is-sena ma' grupp ieħor ġdid qed naħdmu kif nistgħu nqajmu l-Fiera Tradizzjonali tal-għada tal-'festa' li tul dawn l-aħħar snin kienet mietet u li għall-post minbarra li hi *landmark* qawwija hi wkoll mezz ta' kif jistgħu jinġabru finanzi ġodda... għax il-ħtiġijiet huma diversi.

Bħal kull realtà oħra trid timbotta xi kultant biex tqajjem iktar spirtu ta' komunità, ħeġġa ġdida, iktar nies li jinvolvu ruħhom. Jien għadni nhewden kif nista' nagħti spinta ġdida fil-qasam tal-formazzjoni ta' koppji żgħażagħ (li fil-Baħrija huma ħafna) u mal-adolexxenti wkoll... imma għadni qed infittex in-nies u jkolli nammetti li ħini hu dak li hu. Niddedika ħin ukoll kull ġimgħa f'kuntatti personali... għax naf li dawn l-iktar li jibqgħu. Imma bl-għajnuna ta' Alla naslu wkoll.

Mhumiex l-iktar affarijiet i fl-*equation* tal-ħajja... imma li tara n-nies jiżdiedu għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u tarahom qed jieħdu sehem attiv u ħaj... hi xi ħaġa li timlina b'kuraġġ. Anke ċertu 'fejqan' li sar fis-skiet... . u li n-nies kif jgħidulna "qed igawdu ċerta paċi u anke ferħ"... hi vera komunità li qed tikber sabiħ. M'hemmx għalfejn ngħidilkom kemm fraħt ħafna meta xi xahar ilu f'laqgħa li kelli mal-Arċisqof... l-Arċisqof innifsu, il-Vigarju u Dun Frans (Delegat tal-Arċisqof għall-Parroċċi) stqarrew quddiem kulħadd kemm huma kuntenti ħafna bil-mixja tagħna fil-komunità tal-Baħrija. Fraħt bil-kbir għalina lkoll. Issa l-Arċisoqf aċċetta l-istedina tiegħi biex jiġi jżur hu nnifsu għall-ewwel darba l-komunità tal-Baħrija – żjara li se ssir fit-23 ta' Ottubru li ġej. Għaddejtlu l-messaġġ li għal din il-komunità li qed tikber ġmielha (*qaluli li riesqa lejn l-2000 ruħ*), il-Provinċja tagħna hi interessata bil-kbir li tibqa' tieħu ħsiebha.... u biex fil-pjanijiet futuri tiegħu jzommna f'moħħu.

Dan kollu – *bħal affarijiet oħra sbieħ li għandna* – hu ċertifikat sabiħ tal-karizma tagħna li dejjem tul is-sekli konna... bennejja ta' komunitajiet.

Lil Alla waħdu – kull ġieħ u glorja. Ammen.

P. RAYMOND FRANCALANZA OSA
PROVINĊJAL U RETTUR BAĦRIJA

NIBNU L-MEMORJA FLIMKIEN
X'NIFTAKAR MILL-IMGĦODDI

Xi esperjenzi sbieħ u ta' ferħ u anqas sbieħ u oħrajn ta' niket kemm għalija u kemm għall-poplu ta' Alla li ltqajt magħhom fiż-żmien li kont fil-Missjoni fit-Tuneżija, fil-Brazil u fl-Alġerija.

L-ewwel pajjiż li kont fih kien it-Tuneżija. Jien wasalt hemm fit-22 ta' Novembru 1961 u domt hemm sas-26 ta' Awwissu 1963. Jien kont tlaqt minn Għawdex fejn kont Surmast tan-Novizzi li kienu P. Adeodat Schembri, P. Alpju (Salv) Magro li miet, P. Luċjan Borg li sar bħal P. Adeodat Provinċjal u Nenu Micallef li ħareġ meta kien Profess ir-Rabat. Biss dan għadu nisrani tajjeb ħafna, hu Ministru tal-Ewkaristija. Għadu jaqra kotba tat-Teoloġija, jiċievi r-Revista ta' S. Rita biex jibqa' f'kuntatt magħna.

Fit-Tuneżija, il-Provinċja kellha 2 Parroċċi waħda fil-belt kapitali Tunes u l-oħra f'La Goulette. Jien tajt is-servizz tiegħi f'La Goulette li hi 11-il kilometru bogħod mill-Kapitali. Fil-komunità kien hemm P. Ġann Xerri, mejjet, P. Mark Cauchi u P. Leone (Ġużi) Mifsud illum mejjet. In-nies tal-Parroċċa ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu kienu ta' razza Franċiża, Spanjola, Taljana u Maltija. Billi n-numru kbir tan-nies kienu Franċiżi u Taljani, il-quddies u s-servizz l-ieħor kien isir b'dawn l-ilsna... barra l-predikazzjoni tiegħi f'dik il-Parroċċa ġieli pprietkajt fil-Katidral ta' Tunes, fil-knisja ta' S.Luċija, Parroċċa għat-Taljani u anke barra minn Tunes. Niftakar li meta kont qed nagħmel l-Eżerċizzi tar-Randan f'post barra minn Tunes ġiet waħda Musulmana u talbitni x'għandha bżonn biex tfiq minn ħruq tal-ġilda u għedtilha biex tuża ż-żejt u rringrazzjatni ħafna. Jien u sħabi konna ngħinu lill-qassis ta' razza Maltija li kien waħdu f'Parroċċa qrib tagħna.

Mal-Musulmani ma stajniex ikollna kuntatt dirett għax il-pajjiż ma jħallix lir-reliġjonijiet oħra li jipprietkaw jew jagħmlu xi purċissjoni u anqas li jistgħu jistiednu n-nies biex jiġu f'xi laqgħa. Biss il-populin kien ħabib magħna.

It-tieni pajjiż li ħdimt fih kien il-Brażil. P. Adeodat fis-sena 1972 fil-Festa ta' Missierna S.Wistin kien

ġie jiekol magħna hawn il-Belt. Hu qalli għax ma tiġix fil-Missjoni tal-Brażil. Jien ma għedtlu xejn. Biss xi 4 snin qabel kont għedt lili nnifsi jekk jitolbuni, jien immur fil-Missjoni. P. Adeodat kellem lill-Provinċjal P.Bert u qallu: għid lill-P. Konsolat (P. Ġorġ) biex jiġi magħna. Il-Provinċjal iltaqa' miegħi barra fit-triq ta' quddiemna u qalli: Nixtieq li tmur fil-Missjoni tal-Brażil. Jien weġibtu, agħtini ż-żmien biex nara kif jaħsbuha l-ġenituri. Meta tkellimt magħhom huma qaluli: Jekk Alla qed isejjaħlek għal dan, mhux sa ngħidulek le. Wasalt il-Brażil fl-20 ta' Jannar 1973, festa ta' San Sebastjan, Patrun ta' *Rio de Janeiro*. Biss il-qima lejn dan il-Qaddis hi mxerrda mal-Brażil kollu. Inżilt fl-Ajruport ta' *Arapongas* f'*Campinas* li hi t-tieni belt tal-Istat ta' *São Paulo*, xi sagħtejn 'il bogħod minn dik Kapitali. Kienu ġew jilqgħuni l-mejjet P.Fredu Talgliaferro u ż-żewġt irġiel mill-Parroċċa ta' S.Rita. Għall-ewwwel jien qgħadt mal-Patrijiet fil-Parroċċa ta' *Nossa Senhora Aparecida* fejn P. Pawl Spiteri kien il-Pirjol, P. Adeodat u P. Fredu. Domna hemm sa Marzu tal-istess sena 1973. Meta wasalt il-Brażil dħalt iżjed fl-istudju tal-ilsien Portugiż. Kont xtrajt grammatika u dizzjunarju u bdejt nistudja waħdi. Kien ġie Malta għall-vaganzi P. Rikkardu Attard u ta xi lezzjonijiet tal-Portugiż lili u lill-erba' Sorijiet Agostinjani li kienu sejrin għall-ewwel darba fil-Missjoni biex jaħdmu fil-Parroċċa tagħna ta' *Paranaiba*. Kif ġa għedt wara l-bidu tiegħi f'São Paulo, jien mort il-*Mato Grosso do Sul*. Kien akkumpanjani P. Adeodat. Hemm dak iż-żmien P. Ġorġ Debono kien Kappillan. Id-dar kienet qadima ħafna, qabilna kienu jgħixu fiha Patrijiet Franġiskani OFM li kienu marru hemm biex jevitaw id-diżastru li ġab Hitler f'pajjiżu u

fid-dinja bil-kefrija li wettaq ġenoċidju li sa jibqa' mfakkar fl-Istorja tad-dinja. Fid-dar kienu jidhru friefet il-lejl kbar imdendlin mas-sqaf, fuq kollox fil-kappella żgħira li kien hemm. Jien meta kont hemm kont nieħu ħsieb il-kappelli fil-Belt li kienu 5 u dawk tal-bogħod. P. Ġorġ kien jieħu ħsieb tal-knisja prinċipali. F'*Paranaiba* li kienet tgħodd mal-50 elf ruħ kienet teżisti l-Parroċċa tagħna biss.

F'Paranaiba kelli każ stamb għalina Maltin. Il-ħin kien xi s-siegħa ta' waranofsinhar, sejħuli biex immur nitlob għall-mara li qalu li kellha Xitan. Jien mort u l-ewwel ħaġa li staqsejthom jekk kinitx marret iċ-Ċentru Spirta. In-nies kienu huma li sejħu lil taċ-Ċentru Spirta. Din hi l-akbar Setta fil-Brażil. Huma qaluli iva. Jien għedtilhom jekk tridu li hi tikkalma teħles mill-każ m'għandhiex tmur iżjed f'dak iċ-Ċentru. Għedtilhom, kunu afu li Alla ma jridx li nafdaw il-ħajja tagħna jekk mhux fiH biss. Fil-Belt kien hemm xi knejjes tal-Protestanti u ċ-Ċentru Spirta wkoll.

Wara li kont *Paranaiba* sibt ruħi f'*Casilandia* 97 kilometru 'il bogħod. Hemm kont waħdi bħala saċerdot. Kienu miegħi żewġ ġuvintur Leġjunarji,wieħed minnhom Portugiż. Dan wara xi 3 xhur reġa' lura. L-ieħor kien jgħinni ħafna, kien jieħu ħsieb it-tagħlim tad-Duttrina. Flimkien miegħi konna nagħtu tagħlim nisrani minn fuq ir-Radju tal-Belt. Barra l-knisja prinċipali, fil-Belt kien hemm kappella ta' San Ġakbu u kappelli madwar il-Belt u fil-bogħod. Dawk li kienu fil-bogħod kont immur darba fix-xahar. Kienet is-sena 1985, nista' ngħid li Ġesú ħelisni mill-mewt. Kont ġej lura minn Kappella u fejn kelli wkoll miegħi l-Ostji Konsagrati. Kien ġa beda nżul ix-xemx u beda jidlam sew. Bdejt nara d-dawl ta' karozza ġejja u bdiet tersaq dejjem iżjed fil-qrib, fl-aħħar rrokkaw miegħi u laqtgħu l-karozza n-naħa tiegħi u għalhekk ma stajtx noħroġ min-naħa tal-istering. Bdew jgħidu li ħtija tiegħi u ma kinitx. Jien bgħatt

navża lill-P. John Pace, illum mejjet. Hu ġie u ġieb mekkanik miegħu. Lili bagħatni ma' nies li kienu sejrin lejn *CASILANDIA* u hu ġie wara.

Każ ieħor ta' esperjenza li minnu Alla ħelisni mill-mewt kien fl-istess triq lejn *Alto Tamandaree*. Jien kont għaddej minn triq bir-ramel u għal din ir-raġuni ma tistax issuq b'veloċità. Ġara li karozza kienet ġejja kontrija u kissritli l-mera tan-naħa tal-istering u l-mera saret trab u għall-ħniena ta' Alla jien ma ġrali xejn. Wara ftit iż-żewġt irġiel ġew jistaqsuni jekk ġralix xi ħaġa. Għedtilhom Alla ried li ma ġrali xejn.

La qed insemmi l-karozzi niftakar li l-Isqof kien qalli biex ma irrikkeb lil ħadd fit-triq, għax darba Patri mill-Kongregazzjoni tiegħu fit-triq waqqaf għal xi ħadd u spiċċa biex qatlu.

Fis-sena 1975 Superjur tal-Missjoni kien P.Ġorġ Debono u kien Kappillan fil-Parroċċa ta' *N.S.Aparecida*. Hu bagħatni biex nieħu ħsieb il-Parroċċa ta' Santa Rita fil-belt ta' *Sao Paulo*. Il-Moviment tal-Miżżewġin li kien jieħu ħsiebu P.Fredu, bdejt immexxih jien kif ġa għedt.Wara ftit taż-żmien il-Moviment għażel li jibda jiltaqa' fil-Knisja ta' S. Rita. Il-Moviment kien jitlob laqgħa fil-ġimgħa u kull sena kienu jagħmlu Irtir li kien jibda l-Ġimgħa u jispiċċa l-Hadd. Fl-istess okkażjoni kienu jdaħħlu membri ġodda. Fil-Parroċċa ta' S. Rita kien hemm ukoll il-Moviment taż-Żgħażagħ, il-Leġjun ta' Marija, il-Għaqda tan-Nisa u Duttrina. Barra dan kienet issir tħejjija għal dawk li sa jkollhom tarbija għall-Magħmudija u għall-parrini. Lil dawk li jkunu sa jirċievu l-Griżma tal-Isqof u għall-parrini tagħhom kienet issirilhom tħejjija wkoll.

Fis-sena 1982 ergajt sibt ruħi f'*Casilandia*. Kappillan kien il-P. John Pace, il-lum mejjet. Jien kont Viċi. Hu kien jieħu ħsieb il-knisja prinċipali u kappella fil-bogħod xi 70 kilometru. Jien kont nieħu ħsieb ta' żewġ kappelli fil-Belt u oħrajn fil-bogħod.

Fl-1992 il-Missjoni tagħna kontra x-xewqa tal-Provinċja ħallejna l-Mato Gross do Sul wara 29 sena missjoni minn diversi Patrijiet biex morna fl-Istat tal-Parana fil-Brazil ta' Isfel fid-Djoċesi ta' Londrina. It-tliet Parroċċi fid-Djoċesi ta' Londrina kienu f'Rolandia, f'Jaguapita u f'Pitangueiras.

Meta P. Adeodat kien sar Provinċjal lil P. Kostantin u lili kien talabna biex immorru fil-Parroċċa

ta' Santa Rita f'Sao Paulo. P. Kostantin kien il-Kappillan u jien kont Viċi. Hu kien jieħu ħsieb il-knisja prinċipali u jien kont nieħu ħsieb tal-Komunitajiet ta'*Parque Vila Maria*, tal-Madonna tal-Bon Kunsill u tlieta oħra. Jien kont inqaddes fihom jew il-Hadd jew is-Sibt.

Mill-Parroċċa ta'Santa Rita fit-30 ta' Ottubru 1993 kont mibgħut nagħti servizz fil-Parroċċa ta' San Ġużepp fil-Belt ta' Jaguapita. Jien sirt Kappillan fit-3 ta'Novembru, tani l-uffiċċju l-Vigarju tad-Djoċesi. Il-Parroċċa kien fiha 12-il elf persuna, in-numru kbir kien tal-kattoliċi. Ġa kienu jeżistu xi Moviment u Għaqdiet u jien żidt oħrajn. Kien hemm il-Ministri tal-Ewkaristija, irġiel u nisa, il-Moviment Kariżmatiku li kien fih xi 300 persuna u kienu jiltaqgħu kull nħar ta' Tlieta. Jien kont nispjegalhom xi testi tal-Iskrittura u wara kien ikun hemm kelliema oħra, talb u kant. Miegħi kien jgħix P. Saver Mifsud li kien Kappillan fil-Parroċċa ta' *Pitangueiras* xi 27 kilometru 'l bogħod minn *Jaguapita*.

Jien fuq ix-xewqa tal-mejjet P. Manwel Borg Bonello li kien magħna fil-Missjoni u ntgħażel Provinċjal tlaqt mill-Brazil fl-20 ta'Awwissu 1998 u mort fl-Alġerija. L-għada wasalt Ruma fejn tlabt il-viża biex nidħol f'dak il-pajjiż. Kelli mmur Marsilja u minn hemm tlaqt lejn *Annaba (Hippona)* fejn wasalt fl-1 ta' Settembru. Kien ġie jilqagħni l-ex-Provinċjal P. Luċjan Borg li kien il-Pirjol tal-kunvent u Rettur tal-Bażilika ta' Santu Wistin. Dak iż-żmien kien hemm ukoll P. Liberat Cini, illum mejjet. L-iżjed li kellu kuntatt mal-Awtoritajiet u l-Ambaxxata Franċiża kien il-Pirjol. Biss billi n-nies tal-Ambaxxata kienu jġibu l-uffiċjali u s-suldati li jaslu minn Franza biex jaraw il-Bażilika, ilkoll konna nitħaddtu magħhom. U meta P. Luċjan sar Provinċjal u P. Liberat Cini kien mar Franza jagħmel operazzjoni, il-kuntatti jien kont nagħmilhom. Nies biex jaraw il-Bażilika kienu jiġu mill-pajjiż kollu, speċjalment fis-sajf. Kienu

jiġu universitarji, suldati, baħrin, tfal tal-iskejjel li kienu jkunu fil-Belt għall-vaganzi u fuq kollox, l-awtoritajiet kemm tal-post u kemm barranin qatt ma kienu jħallu li jinvistaw il-Bażilika. Ir-raġuni hi li dik il-Bażilika kellha bħala perit kbir li fl-istess waqt kien Kanoniku Franċiż minn Marsilja. Kienet mibnija b'tliet stili t'arkitettura, dik rumana, arabika u gotika. Jien u l-oħrajn konna nuruhom u nispjegawlhom is-sbuħija tal-binja. Mal-awtoritajiet reliġjużi tal-post ma kellniex kuntatt ħlief mal-Ministeru tal-Affarijiet Reliġjużi. Biss darba kien ġie jara l-Bażilika l-Kap tal-Musulmani fi Franza u wara li lqajtu, stedinni għal ikla. Ġew għalija u mort. Ġie d-diskors fuq it-twemmin tar-Reliġjon u kull wieħed ta l-essenzjal ta' dak li tobbligana r-Reliġjon proprja. Il-President Abdelażiż Boutiflika li kien studja fi-Franza u li kien reġa' daħħal il-Franċiż bħala lsien biex jistudjawh fl-universitajiet u fl-iskejjel, fis-sena 2001 kien sejjaħ ħafna studjużi fuq Santu Wistin biex isir Colloquium fuq il-Qaddis bħal bniedem kbir iben l-Alġerija. Minn dak iż-żmien l-Alġerini bdew iqisu lill-Qaddis bħala bniedem fost l-aktar għorrief li ismu xtered mad-dinja kollha u għalhekk ismu beda jissemma fuq il-mezzi tax-xandir. Billi kien nisrani u għex qabel ma l-pajjiż sar Mawmettan qatt ħadd ma kien isemmih.

Meta P. Luċjan Borg sar Provinċjal fis-sena 2002 u P. Liberat kien mar Franza jagħmel operazzjoni, jien bqajt waħdi u għal ftit taż-żmien kien jiġi joqgħod miegħi qassis Franċiż minn Parroċċa oħra. Kont inqaddes għand is-Sorijiet ta' *Little Sisters of the Poor*, li kellhom Dar għall-anzjani. Sal-Indipendenza kienu jmorru fiha l-Ewropej, meta dawn telqu mill-Alġerija bdew jirċievu n-nies tal-post. Ħaġa kurjuża għalina l-Ewropej, meta kienu jmutu, kienu jiħduhom biex kważi isaffuhom minn xi tinġis reliġjuż.

Jien kont mort l-Alġerija għal xahar fis-sena 1962 biex nieħu post il-mejjet P. Bonaventura Chetcuti li kien mar jagħmel l-Eżerċizzi tar-Randan f'Tunes. Erġajt mort hemm kif ġa ktibt meta tlaqt mill-Brażil fis-sena 1998. Tlaqt mill-Alġerija lejn Malta f'Marzu 2002. Meta wasalt Malta l-Provinċjal kien talabni biex immur Għawdex billi kien ġab lil P. Żaren hawn il-Belt. U wara 6 snin u seba' xhur il-Provinċjal ġiebni hawn il-Belt fi-11 ta' Marzu tas-sena 2009 fejn għadni membru ta' din il-Komunità.

P. GEORGE BEZZINA OSA

ST AUGUSTIN CONVENT - GOZO

FULL DAY SEMINAR

What are we waiting for? We were asked by Fr Franco.

Here are some of my reflections on the Day we spent together with about 40 other participants at the Augustinian Fathers' retreat house in Victoria Gozo, with the theme of: '***What are you waiting for ?***'

Waiting… .. Waiting is an integral aspect of our life

So it was for Jesus
He waited to be born
He waited for his death
He probably waited for his sheep in many other situations during his mission on this earth.

As the Psalm goes:
"Wait for God and He will help you".

I have experienced this in my life. I have had to wait for God's help.
This also shows us how we should behave with one another in this life.
We cannot expect others to respond immediately. We need to wait. So we need to wait for God too.

In another sense "***What are you waiting for***?" also means, that we are waiting to follow Christ. Often we as humans create all sorts of excuses before we say yes to His word.

We need to follow His word and act just like a famous brand sign says: "Just Do It".

This shows how the famous motto in a well-known song "I want it all and I want it now" does not reflect God's way of dealing with us.

It was for me a retreat from the routine of daily life, where we went up on the mountain with Jesus for a day, but then had to go back down to continue life in this world.

I also felt very free to make a spontaneous prayer to God during the mass. And many others felt the same too.

During lunch both Margaret and me had the opportunity to meet and talk to new people in a Christian and brotherly spirit.

We shared experiences on various aspects of life in a communitarian spirit

MARIO & MARGARET RANDON

BI-ĊENTINARJU
FITTIXTEK – SIBTEK – ĦABBEJTEK

PROVINĊJA AGOSTINJANA MALTIJA • 200 SENA: ĦAJJA TA' FLIMKIEN U TA' QADI

1817 – 14 TA' SETTEMBRU - 2017

Sfont għal din is-sena tal-Bi-Ċentinarju... fi kliem il-Provinċjal:

... Din is-sena xtaqna li nfakkru din il-ġrajja.. imma iktar mill-'awtonomija' li ksibna, nixtiequ nfakkru l-ħolma ta' Wistin: ħajtu, l-esperjenza tiegħu, dak li emmen, għex u għallem, il-mixja li għamel fih nnifsu u ma' oħrajn... dawn kollha nixtiquhom jibqgħu jgħixu. **Inħarsu lura**... lejn dak li Alla għamel fina u permezz tagħna. Mhix ħarsa ta' nostalġija... iktar hi ħarsa ta' ringrazzjament u ta' barka. Nagħraf kemm fil-passat tagħna kien hemm aħwa ('tagħna') fostna li ngħataw, taw ħajjithom kollha f'artna u barra minn xtutna, kemm dawl, kemm ġenerożità, kemm sagrifiċċji fis-skiet, kemm xhieda sabiħa u qaddisa, kemm servizz. Nagħraf kemm ħutna stinkaw, kemm baqgħu sodi quddiem kull saram, kemm afdaw fl-abbundanza tal-Providenza ta' Alla. Nemmnu li llum qed igawdu lil Dak li biex tarah *"jeħtieġlek is-skiet"* (*Kummentarju tal-Vanġelu ta' San Ġwann 17,11*).

...Imma nħares lejna llum u lejn dak li nixtiequ nkomplu nkunu fil-ġejjieni. Inħares lejn ħuti kollha u lejn tant persuni li magħna jaqsmu u jgħixu l-istess ideal. U għadni nara tant imħabba, passjoni kbira, ħeġġa bla limiti. Għadna bennejja ta' komunitajiet... forsi bla storbju... kif għandu jkun... imma ż-żerriegħa hemm hi... nagħrafha u naf li Alla Sid il-ħsad, għad ikabbar meta u kif jaf hu l-aħjar. Nara fil-komunitajiet tagħna xewqa kbira li jkun hemm adorazzjoni vera u awtentika lejn Alla u lejn xulxin. U nara fostna impenn qawwi u dinamiku ta' servizz ġeneruż lejn tant persuni, f'bosta postijiet u okkażjonijiet.

... Kien hemm mumenti meta f'qalbi staqsejt lili nnifsi jagħmilx sens li tfakkar ġrajjiet ta' tant snin ilu. Imma mbagħad, kull darba li noħlom f'Wistin f'qalbi, fhimt li nkunu qed nonqsu jekk ma nagħmlux hekk. Aħna mhux qed infakkru sempliċiment storja, proġetti u ħidma – li ġustament tassew jistħoqqilkom kull ġieħ – **imma qed infakkru din il-ħolma li welldet qalb... qalb li llum għadha ħajja, tbaqbaq... tant sabiħa.**

... Din il-ħolma jisimha Wistin... għalija mhux biss Missier Spiritwali... imma wkoll ħija l-kbir, l-iktar ħuna magħruf, il-poeta, il-profeta, dak li qanqal tant kuxjenzi, bniedem ta' fidi, bniedem ta' Alla, ħabib ta' kulħadd.

... Lil ħuti kollha, li dawk li jaqsmu magħna dan l-ispirtu nawgura li nkomplu nibqgħu nixbhuh u bħalu nkunu nies mimlija ('tqal') b'Alla, mimlija dawl, mimlija ferħ. Bħal Wistin... *Mulej: aħna rridu nibqgħu nfittxuk, nixtiequ nkomplu nsibuk u nagħrfuk... imma fuq kollox irridu nkomplu nħobbuk dejjem iktar. Ammen.*

P. RAYMOND FRANCALANZA OSA
PIRJOL PROVINĊJALI

Il-logo tal-Bi-Ċentinarju mit-twaqqif tal-Provinċja Agostinjana Maltija

PROGRAMM TAL-BI-ĊENTINARJU TAL-PROVINĊJA

2016 - 14 TA' SETTEMBRU - 2017

Settembru 2016

- 13/9: **Press Conference**: Kunvent ta' San Mark – Rabat. Il-Provinċjal jiltaqa' ma' rappreżentanti tal-Media f'pajjiżna biex iħabbar l-isfond u l-programm kollu ta' din is-sena Bi-Ċentinarja.

- 14/9: **Ftuħ Uffiċjali tas-sena Bi-Ċentinarja waqt Quddiesa Solenni mmexxija mill-Provinċjal Patri Raymond Francalanza OSA flimkien mal-aħwa kollha tal-Provinċja**. Mistiedna f'din il-quddiesa r-reliġjużi kollha li jinsabu fir-Rabat u l-Imdina, ħutna s-sorijiet Agostinjani flimkien mal-lajċi kollha li jgħixu fl-ambjenti kollha fejn ninsabu u li jaqsmu magħna l-kariżma u l-ispiritwalità tagħna. Janima l-kant waqt din l-Ewkaristija l-Kor *New Choral Singers* taħt it-tmexxija ta' Shirley Helleur. *Fi tmiem il-quddiesa ssir l-Inawgurazzjoni ta' Lapida mal-Kunvent tar-Rabat li tfakkar din il-ġrajja.*

- 30/9: **Akkademja Mużiko-Letterarja: Kunvent Santu Wistin – Għawdex.** Janima l-Kor u l-Orkestra *Stella Maris* mmexxi minn Mro Carmel Peter Grech. F'din l-akkademja se jkun imfakkar it-350 sena mit-twaqqif tal-Knisja. (1666-2016)

- Fuq bażi lokali f'dan ix-xahar, ngħixu wkoll dawn il-mumenti: (a) il-Festa Sekondarja tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Belt(4/9), (b) il-Festa ta' San Nikola ta' Tolentino f'Ħal Tarxien (24/9), u (ċ) il-Ftuħ tas-sena akkademika tal-Kulleġġ Santu Wistin fil-Pietà u fil-Marsa (19-22-23/9).

Ottubru 2016

- 5/10: **Pellegrinaġġ fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Hniena u b'Ringrazzjament lil Ommna Marija – Protettriċi tal-Ordni Agostinjan**. Post: Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

- 10/10: **Ftuħ tal-post il-ġdid li l-Provinċja se toffri biex tilqa' fiha persuni refuġjati u persuni oħra fi bżonn**. Il-Provinċja se tkun mhux biss qed toffri 'post' imma se takkumpanja b'kull mod lil dawn il-persuni.

- 14/10: **Inawgurazzjoni tar-Restawr tal-Kwadru ta' Santu Wistin ta' Mattia Preti tal-Kunvent ta' San Mark - Rabat.** Din hi pittura mill-isbaħ ta' Mattia Preti. (*1694 – Oil on Canvas 269.5cm x 191cm).* Hemm riflessjonijiet storiċi dwar dan il-kwadru kemm fil-ktieb *Caravaggio to Mattia Preti, Baroque Painting in Malta, tal*-Profs Keith Sciberras, kif ukoll fil-ktieb riċenti *Vetustior Glorior* ta' Patri Mark Cauchi OSA u Dr Simon Mercieca.

- 31/10: **Quddiesa u żjara lill-oqbra tal-Provinċja fiċ-ċimiterju tal-Addolorata** li matulha jiġu mfakkra l-aħwa mejtin kollha tal-Provinċja.

- Fuq bażi lokali f'dan ix-xahar, ngħixu wkoll dawn il-mumenti: (a) il-Ftuħ tas-sena studji fl-Istitut Agostinjan u ċ-Ċentru għall-Istudji Agostinjani u r-Riċerka f'Tal-Pietà (7/10), (b) l-20 anniversarju saċerdotali ta' Patri Alex Cauchi OSA (16/10 – il-Belt), (ċ) iċ-Ċerimonji tal-għoti tal-*Awards* fil-Kulleġġ Santu Wistin (26-28/10), l-Inawgurazzjoni tal-programm '*Pass Pass*' dwar l-inizjattiva edukattiva li l-komunità ta' Ħal Tarxien bdiet toffri f'dawn l-aħħar sentejn (28/10), u (d) il-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura fir-Rabat (29/10).

Novembru 2016

- 3/11: **Niċċelebraw Jum il-Vokazzjonijiet u matul l-istess ċelebrazzjoni jsir it-tiġdid tal-wegħdiet**. Din iċ-ċelebrazzjoni nagħmluha ma' ħutna s-Sorijiet Agostinjani. (Post: Monasteru Klawstrali ta' Santa Katarina – il-Belt)

→ 7-12/11: **Ġimgħa Vokazzjonali Agostinjana** organizzata mill-Kummissjoni Vokazzjonali tal-Provinċja.

→ **Isiru l-irtiri tal-Avvent fil-Kunvent tagħna kif ukoll isir l-Ewwel Irtir annwali**.

→ Fuq bażi lokali f'dan ix-xahar ngħixu wkoll dawn il-mumenti: (a) L-Inawgurazzjoni tal-Monument ta' Santu Wistin fis-settur primarju tal-Kulleġġ ta' Santu Wistin fil-Marsa (11/11) flimkien ma' Ġimgħa Agostinjana fiż-żewġ skejjel, (b) tiġi ċċelebrata l-Festa ta' San Martin fiż-żona pastorali tal-Baħrija (12/11), li l-Provinċja tagħna bdiet tieħu ħsieb f'Jannar 2015 u (c) Il-Kummissjoni Lajċi tal-Provinċja se torganizza mument ta' formazzjoni bit-tema: "*Il-kontribut tal-Agostinjani lill-Knisja u lis-soċjetà f'Malta matul is-snin.*" (23/11).

Diċembru 2016:

→ 7/12: **Inawgurazzjoni tal-Lapida ħdejn is-Salib fil-ġnien ta' quddiem l-Imdina** fejn, li t-tradizzjoni żammet bħala l-post fejn l-aħwa [il-patrijiet] Agostinjani kellhom il-kunvent tagħhom meqrud fl-1551. Wara kunċert organizzat mill-*Cloister Foundation* fil-Kunvent ta' San Mark – Rabat (Malta).

→ **Inawgurazzjoni tal-Biblical Garden**. Post: *Millennium Chapel* – Paceville

→ Ċelebrazzjoni tal-Avvent u l-Milied fil-Kunventi u l-Knejjes kollha tagħna u wara ssir ikla fraterna bejn l-aħwa kollha tal-Provinċja.

Jannar 2017

→ 19/1: **Mument ta' talb għall-għaqda tal-Insara** f'koordinazzjoni mal-Arċidjoċesi u Knejjes oħrajn. Post: Parroċċa ta' Santu Wistin – Valletta.

→ 24/1: **Djalogi Agostinjani fit-Toroq tal-Hajja –** *Kelliem mistieden*: L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal GianFranco Ravasi – President tal-Kunsill Pontifiċju tal-Kultura. *Post: Sala Santa Monika – Triq Tereża Spinelli - Gżira.*

Frar 2017

→ 22/2: **Seminar fuq ir-Regola ta' Santu Wistin**. *Kelliem:* Patri Salvinu Caruana OSA. Mistiedna dawk ir-reliġjużi kollha li għandhom ir-regola tagħna u dawk il-persuni kollha li jaqsmu magħna l-istess spiritwalità.

→ Fuq bażi lokali f'dan ix-xahar, il- Kummissjoni Lajċi tal-Provinċja se torganizza mument ta' formazzjoni bit-tema: "*Il-kontribut tal-Provinċja Agostinjana barra minn Malta.*" (16/2).

Marzu 2017

→ **Preżentazzjoni tal-Ktieb tat-tfal dwar il-Ħajja ta' Santu Wistin fl-iskejjel tagħna**. Il-kitba hi ta' Andrew Borg waqt li l-animazzjoni hija ta' Nicole Diacono.

→ **Isiru l-irtiri tar-Randan** fil-komunitajiet tagħna.

→ Fuq bazi lokali f'dan ix-xahar issir iċ-ċerimonja tal-Gradwazzjoni fl-Istitut Agostinjan u ċ-Ċentru għall-Istudji Agostinjani u r-Riċerka tal-Provinċja (31/3).

April 2017

→ 24/4: **Fl-okkażjoni tal-Konverżjoni ta' Santu Wistin: '*Oratorio a Sant' Agostino*' ta' Mro Domenico Anastasi.** Dan il-Kunċert se jitmexxa mill-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Maestro John Galea. Dan il-kunċert se jkun taħt il-Patroċinju tal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Prospero Grech OSA. Post: Parroċċa ta' Santu Wistin – Valletta.

→ Open weekend – Kunvent ta' San Mark – ir-Rabat.

→ Fuq bażi lokali f'dan ix-xahar tiġi ċċelebrata l-Festa ta' Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb fil-Kunvent ta' Paceville (20/4).

Mejju 2017

→ 14-23/5: Żjara Kanonika tal-Pirjol Ġenerali tal-Ordni Padre Alejandro Moral OSA. Din se tkun l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu lill-Provinċja u matulha se jżur il-komunitajiet u r-realtajiet kollha tagħna.

→ **Għoti tal-Affiljazzjoni tal-Ordni** lil diversi persuni f'pajjiżna.

→ 21/5: **Festa Titulari ta' Santu Wistin fil-Parroċċa tal-Belt u wasla tax-xbieha titulari l-ġdida fl-istess Parroċċa.**

➔ Fuq bażi lokali matul dan ix-xahar isiru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festi ta' Santa Rita fil-komunitajiet kollha tagħna. Għal din is-sena Bi-Ċentinarja se tinġieb ir-relikwija tagħha minn Cascia. Il-Festa ta' Santa Rita fil-Belt se tkun ċelebrata nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju waqt li dik fil-Kappella tal-Buskett se ssir il-Ħadd 28 ta' Mejju.

Ġunju 2017

➔ 4/6: **Festa Familja Agostinjana** organizzata mill-Kummissjoni Lajċi tal-Provinċja bit-tema: "*Il-kontribut tal-Agostinjani fis-soċjetà u fil-Knisja f'Malta fil-futur.*"

➔ 24-25/6: **Open weekend fil-Kunvent tagħna tal-Belt**.

➔ **Issir il-preżentazzjoni tas-somma miġbura mill-Provinċja kollha biex noffruha lill-Onor Ministru tas-Saħħa Dr Chris Fearne biex biha jinxtara makkinarju ġdid fl-Isptar Mater Dei.** Dan hu ġest ieħor ta' solidarjetà li xtaqna nagħmlu lill-poplu tagħna.

➔ **Isir it-tieni irtir annwali tal-Provinċja**.

Lulju 2017

➔ 14/7: **Tibda l-esperjenza missjunarja fil-Kenya** mill-Grupp tas-Segretarjat tal-Missjonijiet tal-Provinċja. Il-funzjoni tal-Għoti tas-Salib lil dawn iż-żgħażagħ issir fil-25/6.

➔ 21/7: **Attività soċjali** fil-grawnds tal-Kulleġġ għall-familjari, ħbieb u benefatturi kollha tagħna b'ringrazzjament.

➔ Fuq bażi lokali matul dan ix-xahar se jkollna: (a) il-25 anniversarju saċerdotali ta' Patri Joseph Zammit OSA (7/7 – Tarxien), kif ukoll (b) il-50 anniversarju saċerdotali ta' Patri Luċjan Borg OSA (9/7 – Paceville).

Awwissu 2017

➔ 28/8: **Niċċelebraw il-Festa ta' Santu Wistin f'Għawdex.** Quddiesa Pontifikali fil-Katidral tad-Djoċesi mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Mons Mario Grech – Isqof ta' Għawdex. Janima l-Kor u l-Orkestra *Stella Maris* mmexxi minn Mro Carmel Peter Grech.

Settembru 2017

➔ 14/9: **Għeluq uffiċjali tas-Sena Bi-Ċentinarja b'Quddiesa Pontifikali mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Mons Arċisqof Charles J Scicluna fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.** Jieħdu sehem f'din l-Ewkaristija, il-Pirjoli Provinċjali, l-Isqfijiet Maltin, il-Provinċjali u s-Superjuri kollha tal-Ordnijiet Reliġjużi f'Malta flimkien mal-Kappillani tal-Parroċċi tal-postijiet fejn inservu f'pajjiżna flimkien ma' Reliġjużi u Saċerdoti oħra *old boys* tagħna u ħbieb tal-Provinċja tagħna. Għal din il-quddiesa tal-għeluq se jkunu mistiedna wkoll id-dinjitarji kollha tal-pajjiż flimkien ma' dawn kollha li jaqsmu magħna l-kariżma tagħna fir-realtajiet kollha fejn ngħixu u nagħtu servizz. Il-kor u l-Orkestra se jkunu f'idejn in-*New Choral Singers*.

L-ewwel Dar Provinċjali – Kunvent San Mark, Rabat, Malta

50 SENA ILU TAL-PIETÀ LAQGĦET 'L-AGOSTINJANI

Is-sena 1966 għall-kulleġġ tagħna hi waħda ta' interess partikolari. Meta fl-1848 il-Kulleġġ Santu Wistin fetaħ il-bibien tiegħu fil-Belt Valletta għal tfal jiġru barra u li ma kellhomx fejn imorru skola, żgur ħolom li l-bidu ta' dil-mixja ma kellhiex tieqaf hemm. Għax l-Agostinjani jaraw fil-bogħod, dak li jemmnu fih iwettquh, id-demm Agostinjan tal-imħabba jbaqbaq fihom. Għalhekk imxew 'il quddiem tul perjodi li raw il-kulleġġ jgħaddi minn fażijiet imħallta ta' ferħ u tbatija, pijunier fit-tixrid tat-tagħlim, rasu mgħaddsa f'imnieżel ta' borġ ġebel, imnifsejn fit-trab tat-Tieni Gwerra Dinjija, ħolm u xewqat kważi mitmuma, bini mwaqqa' u tiġrif kullimkien.

Post alternattiv kien ir-raħal ta' Ħal Tarxien. Wara li l-kulleġġ kien qabad ritmu ġmielu, l-Agostinjani ħasbu biex jew ikabbru l-Kulleġġ f'dan ir-raħal jew isibu post alternattiv xi mkien ieħor. L-għażla waqgħet fuq biċċa art kbira f'Tal-Pietà.

U minn hawn l-Agostinjani ma ħarsux lura. Minn hawn bnejna fuq il-passat tagħna. Minn hawn komplejna nqawwu qalbna. U llum qegħdin hawn, niċċelebraw il-50 sena minn mindu rfisna fuq l-art ta' Tal-Pieta, art imħarsa minn kull naħa mill-Madonna ta' Fatima, mill-Madonna tal-Kunċizzjoni, mill-Madonna tad-Duluri – mhux ta' b'xejn li l-Kulleġġ huwa kkonsagrat lill-Madonna li tħarisna fil-mixja tagħna.

Mal-Kulleġġ, bix-xieraq, 50 sena ilu, inbena wkoll il-kunvent iddedikat lil San Tumas minn Villanova, qaddis Agostinjan li ddedika ħajtu għall-istudju, iddistingwa lilu nnifsu fil-karità u għex b'sensittività kbira lejn dawk fil-bżonn. Dawn huma l-prinċipji li jmexxuna kuljum fir-relazzjoni tagħna mal-istudenti għax mingħajrhom l-edukazzjoni tkun vojta u artifiċjali.

Dan hu anniversarju ta' kuraġġ, huwa anniversarju ta' tama, huwa anniversarju ta' rieda qawwija li nkomplu għaddejjin fil-ħidma tagħna biex aktar tfal u żgħażagħ jifhmu r-rabta li għandu jkun hemm bejn it-tagħlim u l-imħabba, li tħobb it-tagħlim, imma fuq kollox li tħobb lil min ikun qiegħed jitgħallem, bil-kelma, bil-ħeġġa, bl-eżempju. Dan hu l-ispirtu Agostinjan. Ngħożżuh illum u għall-ġejjieni.

Dan hu kulleġġ li jgħallem
b'imħabba, b'lealtà,
dan hu l-kulleġġ li jxerred,
id-don tal-verità.

Dan hu kulleġġ bi storja,
sabiħa, ta' unur,
lil Malta ġieħ qed jagħmel,
kuraġġ lejn il-futur.

PAUL ELLUL
GĦALLIEM FIL-KULLEĠĠ SANTU WISTIN

MILL-KOMUNITÀ TA' PACEVILLE

Matul ir-Randan fil-Knisja tagħna saru diversi ċelebrazzjonijiet f'ħinijiet differenti bħala parti mis-Sena tal-Ħniena:

Għamilna żewġ ċelebrazzjonijiet Penitenzzjali għaż-żgħażagħ u adulti. F'wieħed minnhom ħadu sehem ukoll is-Sorijiet Agostinjani li jinsabu fil-Formazzjoni. Kien inkoraġġanti ħafna n-numru ta' nies li ħadu sehem u resqu għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Saru żewġ Adorazzjonijiet li għamilna skont ix-xewqa li talab il-Papa Franġisku, adorazzjoni u qrar. Fr Terence ħa ħsieb dawn l-attivitajiet flimkien mal-komunità ta' Paceville.

Bħas-soltu saru l-Eżerċizzi Spiritwali għal kulhadd waqt il-quddiesa ta' filgħaxija.

Kien inkoraġġanti ħafna s-sehem tan-nies matul il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa.

F'Ħamis ix-Xirka, wara li ħareġ il-permess fejn nisa jistgħu jieħdu sehem fil-ħasil tar-riġlejn, kellna żewġ nisa li offrew li jieħdu parti f'dan il-ġest ta' servizz.

Fl-10.15pm għamilna bħal kull sena l-Visti taħt forma ta' adorazzjoni. Kienu mumenti vera ta' ġabra u talb fost dawk kollha li ħadu sehem.

Kemm il-Ġimgħa l-Kbira għall-Adorazzjoni tas-Salib kif ukoll is-Sibt fil-Vġili tal-Għid kellna preżenza sabiħa ta' Maltin kif ukoll numru ieħor ta' barranin.

Fit-23 ta' April iċċelebrajna l-Festa Titulari tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb. Il-Provinċjal P. Raymond Francalanza mexxa l-quddiesa solenni flimkien mal-aħwa tal-komunità. Il-kant kien f'idejn il-Kor ta' San Ġiljan. Wara ġie offrut drink.

Fil-21 ta' Mejju ġiet iċċelebrata fil-quddiesa ta' filgħaxija l-Festa ta' Santa Rita.

Mis-17 sal-19 ta' Mejju, il-Caritas organizzat tlett ijiem Seminars fuq it-Talb fil-Knisja tagħna għal diversi anzjani minn Malta kollha.

P. MARIO ABELA OSA

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX

ATTIVITAJIET LI SARU MATUL DAWN IS-SITT XHUR

Jannar

➔ Inġabret is-somma ta' €500 għad-Dar tal-Providenza mill-knisja tagħna u mill-komunità tagħna.

➔ Qed ikompli isir ix-xogħol taż-żebgħa u riformi tat-twieqi fin-novizzjat il-qadim filwaqt li saret ukoll tiswija fl-irħam li nqala' fis-sagristija.

➔ Is-sur George Borg ġie jkompli x-xogħol fl-organizzazzjoni tal-biblijoteka tal-kunvent tagħna.

➔ Grupp ta' studenti mill-iskola 6th Form ġew jaraw il-kunvent tagħna, il-biblijoteka, il-mużew u x-xelter. Interessaw ruħhom ħafna għax riedu jafu ħafna affarijiet fuq dak li raw.

➔ Kien hawn fil-knisja tagħna, Ecumenical Service organizzat mil-Legion of Mary. Patri Adeodato ħa sehem attiv f'dan is-servizz. Hafna nies ħadu sehem.



➔ Grupp ta' 12-il student mill-California State University-San Marcos, akkompanjati minn Dr Elisa Bigham, lecturer tal-Health Psychologist. Kemm damu hawn kellhom ħin jaraw il-kunvent u l-postijiet l-oħra li s-soltu nuru lill-viżitanti.

➔ Is-Surmast John Galea, Chorus Urbanus, offra lill-komunità tagħna CD ta' mużika li ġiet irrekordjata fil-knisja tagħna. Dan is-CD iġib l-isem "LUX".

➔ Laqgħa tar-reliġjużi ta' Għawdex fis-sala Santa Rita. Kien hawn 45 reliġjuż, irġiel u nisa. Saret talk fuq l-enċiklika *Laudato Si* tal-Papa Franġisku.

Frar

➔ Beda x-xogħol fejn kienet il-biblijoteka l-antika.

➔ Laqgħa tal-komunità flimkien mal-Onorevoli Justin Caruana.

➔ Laqgħa speċjali tal-gwidi tat-turiżmu u kellhom żmien jaraw il-kunvent u l-postijiet l-oħra li s-soltu nuru lil viżitaturi.

➔ Grupp ta' 20 turist Ġermaniż li ġew biex jagħmlu *tour* fil-kunvent tagħna u qagħdu jieklu magħna. Wara komplew il-ġurnata tagħhom f'Għawdex.

- Kien hawn magħna P. Terence Spiteri, P. Mario Abela, P. Franco Grech u P. David Cortis li ġew flimkien ma' 53 parteċipant għal-laqgħa tal-Full Day Seminar "encountering Jesus".

- Il-membri tal-Azzjoni Kattolika organizzaw "Jum il-Mulej" fil-knisja tagħna. Mexxew din il-ġurnata Fr Trevor Sultana u Mons G. Farrugia. L-ikel ta' nofsinhar sar fil-kunvent tagħna.

- Il-membri tal-Legion of Mary kellhom Adorazzjoni ta' lejl fil-knisja tagħna.

- Tlett ijiem ta' irtir: 26-28 ta' Frar, mill-Grupp li jmexxi P. Hilary Tagliaferro.

- Grupp ta' leaders tat-turiżmu li kien magħmul minn 42 membru, ġew jaraw il-kunvent tagħna.

- Is-Sibt 27 ta' Frar, sar *Lunchtime Concert* fil-knisja tagħna.

- Saru l-eżerċizzi tar-Randan minn Fr. Joe Meilaq u kors ieħor ta' eżerċizzi lill-gradwati minn Fr. Edward Xuereb.

Marzu

- Il-Provinċjal P. Raymond Francalanza u P. Deo Debono ġew il-kunvent tagħna u marru fimkien mal-Pirjol għand l-Isqof ta' Għawdex biex jitkellmu fuq il-Bi-Ċentinarju u fuq il-każ tal-Beatifikazzjoni ta' Fra Grazzja Gauchi OSA.

- Kellna fostna dawn il-gruppi: Mellieħa Youths, grupp ta' 34 persuna mill-UEF, grupp mill-Ġermanja, grupp minn Spanja, l-Istudenti Agostinjani tal-Kulleġġ Internazzjonali Santa Monika ta' Ruma.

- Matul dan ix-xahar iċċelebrajna d-49 sena tal-ordinazzjoni saċerdotali ta' P. Adeodato Schembri u l-45 sena tal-ordinazzjoni saċerdotali ta' P. Pawl Muscat.

April

- Kunċert fil-knisja tagħna mtella' mill-Gaulitana-festival of music.

- Ħidma vokazzjonali minn P. Terence u P. David fil-Parroċċa tax-Xagħra

- Live-in għal-Lajċi organizzat minn P. Franco, P. David u P. Terence.

- Żjara mis-Segretarju Parlamentari tal-Komunità Ewropea, is-Sur Robert Lewis.

Mejju

- Gruppi li żaru l-kunvent tagħna: studenti minn diversi pajjiżi tal-Ewropa, grupp ta' single mothers flimkien mat-trabi tagħhom, mill-Ġermanja.

- Saret laqgħa ma' Mr Daniel James Cassar, Kap tas-6th form u mal-project manager Mr Alfred Grech. Ġie miftiehem li xi studenti jagħmlu xogħol ta' computerizing ta' kotba tal-librerija tal-kunvent. Dan ix-xogħol jibda f'Ottubru.

- Sar kunċert fil-knisja tagħna *TRUMPETS SHALL SOUND* mtella' minn Jason Camilleri.

- Il-Festa ta' Santa Rita saret fit-22 ta' Mejju u mis-26 sat-28 ġew iċċelebrati l-Kwaranturi fil-Knisja tagħna.

- Laqgħa oħra importanti kienet dik għar-reliġjużi rġiel u nisa li mexxa P. Raymond OP.

Ġunju:

- Laqgħa sabiħa li saret fil-Kunvent tagħna kienet dik tal-Lajċi Agostinjani.

- F'dan ix-xahar sar ukoll l-Irtir tal-Provinċja: l-ewwel grupp.

P. ADEODAT SCHEMBRI OSA

KULLEĠĠ SANTU WISTIN

Jannar

Ġiet organizzata l-quddiesa li ssir kull l-ewwel Sibt tax-xahar għall-istudenti u għall-ġenituri fis-Sala tal-Kulleġġ. Fiha nitolbu bħala familji għall-vokazzjonijiet Agostinjani.

Issir ukoll laqgħa ta' talb għall-ġenituri u studenti fl-ewwel Erbgħa tax-xahar. Il-laqgħa ssir fil-kunvent San Tumas ta' Villanova.

Fil-15, 16, 17 ta' Jannar sar il-live-in ta' Year 11 fil-Lukanda Paradise Bay. Is-suġġett kien l-istress management – suġġett addattat ħafna għall-istudenti ta' din l-età. Il-Ħadd kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni tal-ġenituri.

Ġiet organizzata laqgħa għall-Year 10 minn grupp ta' żgħażagħ Awstraljani bl-isem Servants of Jesus. Is-suġġett kien "Becoming a Disciple of Jesus" u l-laqgħa saret fil-kulleġġ.

Frar

Fl-okkażjoni tal-Karnival diversi ġenituri għenu biex jiġu organizzati inizjattivi differenti fiż-żewġ setturi. Il-Ġimgħa filgħaxija saret ukoll serata b'rappreżentazzjonijiet mit-tfal stess b'attendenza sabiħa ta' 'l fuq minn tliet mitt ruħ.

Fil-11 ta' Frar ġiet organizzata l-Via Sagra għall-istudenti tas-Settur Primarju.

L-Eżerċizzji għall-istudenti tas-Settur Primarju saru b'differenza u animati mill-grupp Belong. L-Eżerċizzji saru b'Puppet Show li kienet interessanti ħafna u l-messaġġ wasal b'aktar saħħa.

Matul ix-xahar ta' Frar kemm fis-settur primarju kif ukoll fis-settur sekondarju saru l-eżamijiet ta' nofs is-sena u l-mocks tal-Year 11, bejn il-ħdax ta' Frar u l-ewwel ta' Marzu.

Fid-29 ta' Frar ġiet organizzata Via Sagra għall-istudenti tas-Settur Sekondarju. Is-suġġett kien dwar kif ngħixu l-ħniena bejnietna u kif jimxi l-Mulej magħna. L-istazzjonijiet kienu kollha fuq l-opri tal-ħniena.

Marzu

F'dan ix-xahar, il-Kulleġġ ipparteċipa fil-proġett *European Ambassador School* fejn diversi għalliema ħadmu ma' studenti biex itellgħu programm differenti b'suġġetti marbutin mal-Unjoni Ewropea. Il-proġett għadu għaddej mill-istudenti tal-Yr 9. Qed jieħdu sehem sitt skejjel. Rappreżentanti ta' dawn is-sitt skejjel qegħdin jippreparaw programm għall-pajjiż Ewropew li jmiss. Fit-3 ta' Frar, il-Kulleġġ intgħażel għaż-żjara tad-Direttriċi Ġenerali tal-Komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew Juana Lahousse-Juarez li kienet Malta u żaret il-proġett fis-seħħ.

Fl-4, 5, 6 ta' Marzu 2016 ġie organizzat live-in għall-istudenti tal-Year 8 fil-Lukanda Paradise

Bay. Is-suġġett addattat għall-istudenti tal-Year 8 kien fuq Diversity and Self-Esteem.

Fil-15 u fis-17 ta' ta' Marzu, il-Kulleġġ organizza sessjonijiet tal-Qrar għall-istudenti tas-Settur Primarju.

Bejn it-12 u s-17 ta' Marzu l-istudenti tal-Kulleġġ ħadu sehem fis-Science Week organizzata mill-NSTF. Dan kollu sar bl-għajnuna anke tal-għalliema li jiggwidawhom f'dan il-qasam.

F'Jum id-Duluri, fit-18 ta' Marzu ġiet organizzata quddiesa fil-Parroċċa tat-Trinità, il-Marsa għall-istudenti tas-Settur Primarju filwaqt li l-istudenti tas-Sekondarja ttieħdu r-Rabat u l-Imdina biex jiċċelebraw dan il-jum. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet fil-Kunvent San Mark, ir-Rabat u wara l-istudenti mxew sal-Katidral tal-Imdina u għaddew mill-Bieb tal-Hniena. Wara ġiet konċelebrata quddiesa biex tfakkar il-jum iddedikat lil Marija Addolorata.

Fid-19 ta' Marzu ġiet organizzata Car Wash mill-Kunsill tal-Istudenti fil-grounds tal-Kulleġġ, Tal-Pietà. Dakinhar kienet anke okkażjoni li ġabret numru ta' Old Boys lura fil-kulleġġ.

Fil-21 ta' Marzu sar l-Irtir għall-Għalliema fil-Kunvent Santa Rita, San Ġiljan. L-irtir kien animat minn Fr Frans Abdilla.

April

Matul ix-xahar ta' April saru żewġ Live-ins oħra f'Paradise Bay Hotel għall-istudenti tal-Year 9 u dawk tal-year 10.

Fil-11 ta' April ġiet organizzata Open Day għall-Ġenituri u Studenti prospettivi li wliedhom telgħu fil-polza tad-dħul tal-Iskejjel tal-Knisja u allura ser ikollhom jagħżlu l-iskola għal uliedhom fil-jiem ta' wara.

Fil-11 ta' April ġiet organizzata Sports Day għall-istudenti tas-Settur Primarju u tas-Settur Sekondarju fil-Marsa Sports Ground. Din kienet l-ewwel darba li l-isports day kienet organizzata għall-Kulleġġ sħiħ. Fiha kien apprezzat ukoll il-preżenza sabiħa ta' ġenituri li numru sabiħ minnhom kienu anke involuti fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet.

Fil-21 ta' April ġie ċċelebrat Jum Santu Wistin għas-Settur Primarju u fit-22 ta' April ġie ċċelebrat Jum Santu Wistin għas-Settur Sekondarju. Fiż-żewġ setturi sar kwiżż fuq Santu Wistin għall-istudenti kollha.

Fit-30 ta' April ġiet organizzata s-Celebration Day tal-Kulleġġ kollu fil-Campus tas-settur Primarju fil-Marsa. Din l-attività li issa sabet postha fil-kalendarju tal-Kulleġġ hija okkażjoni ta' ċelebrazzjoni tat-talenti u l-kwalitajiet kollha tal-istudenti u l-membri tal-istaff tagħna. Kien hemm atmosfera ta' festa li kienet tinkludi rappreżentazzjonijiet fuq il-palk, esebizzjoni ta' proġetti u xogħlijiet tat-tfal, kant u mużika, attivitajiet sportivi, u anke żewġ ċelebrazzjonijiet tal-quddiesa. L-attività għalqet b'festin żgħir għall-membri tal-istaff u dawk kollha li għenu biex stajna ntellgħu l-attività.



Mejju

Fl-10 ta' Mejju ġie ċċelebrat Jum l-Omm fis-Settur Primarju, fil-Marsa. Kienu mistiedna l-Ommijiet tal-istudenti. L-Ommijiet kellhom taħdita minn Ms Charmaine Caruana mill-Moviment tal-Familji Nsara - 'Belong'. Wara kien hemm riċeviment żgħir u l-attività ntemmet billi l-ommijiet żaru l-klassijiet ta' wliedhom u flimkien ma' wliedhom għamlu attivitajiet ta' krafts.

Fit-13 ta' Mejju ġie ċċelebrat il-Jum Marjan fil-Knisja tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun għall-istudenti tas-Settur Sekondarju. L-attività tmexxiet mis-Sorijiet Ursolini. Kienu mistiedna wkoll il-ġenituri u wara kien hemm riċeviment żgħir għalihom fi Fra Diegu Home.

Fid-19 ta' Mejju, ġie ċċelebrat il-Jum Marjan għas-Settur Primarju. Fl-okkażjoni tas-Sena tal-Ħniena, il-jum ġie ċċelebrat fis-Santwarju tal-Madonna fl-Isla. Ġiet ċċelebrata wkoll quddiesa u wara saret ir-reċitazzjoni tar-Rużarju waqt li l-istudenti mxew f'pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna sal-Bieb tal-Ħniena li jinsab fl-Oratorju tal-Kurċifiss maġenb l-istess Santwarju.

Fl-24 ta' Mejju saret attività bl-isem 'Pay IT Forward' waqt l-Assembly. Din l-attività kienet organizzata għas-settur primarju. Din l-attività kienet tikkonsisti f'ċelebrazzjoni ta' atti ta' mħabba u ta' ġenerożità mill-istudenti nfushom.

Fil-25 ta' Mejju saret l-aħħar laqgħa ta' talb għall-istudenti Pause For God. Din il-laqgħa saret fil-Kunvent tal-Patrijiet f'Tal-Pietà għax kienet l-għeluq ta' sessjonijiet ta' talb Pause For God li kienu jsiru kull nhar ta' Erbgħa fil-Kappella tal-Kulleġġ fis-Settur Sekondarju. Wara l-laqgħa ta' talb, sar riċeviment żgħir fil-Kunvent. Il-Membri taċ-Chaplaincy Team mexxew il-laqgħat.

L-Istudenti tagħna ħadu sehem f'diversi kompetizzjonijiet u attivitajiet fosthom il-Kompetizzjoni *German Matters*, il-Kompetizzjoni organizzata mill-*Argotti Botanic Gardens & Resource Centre* tal-Università ta' Malta, fil-Malta Mathematics Olimpiad, fin-*National Design and Technology Expo u fl-Annual Spring Show* li jittella' fil-ġonna ta' Sant'Anton mill-*Malta Horticultural Society.*

Fir-Robatics Olimpiad, il-Kulleġġ kien rappreżentat minn żewġ gruppi ta' studenti tal-year 10 u wieħed minnhom kiseb it-tieni post. Il-Kor tas-Settur Primarju tagħna mbagħad ħa sehem ukoll f'konkors ta' Kant bit-Taljan organizzat b'kollaborazzjoni mal-Ambaxxata Taljana u l-Istituto Culturale Italiano u kiseb ukoll it-Tieni Post.

Ġunju

Fit-3 ta' Ġunju ġie ċċelebrat Jum l-Ewkaristija fis-Settur Sekondarju. Filgħodu fl-Assembly inġieb is-Sagrament proċessjonalment u r-Rettur Fr Leslie ta l-barka bis-Sagrament. Imbagħad is-Sagrament ġie espost f'waħda mill-klassijiet li żżejnet apposta biex seta' jsir talb u meditazzjoni fiha quddiem Ġesù Ewkaristija. Matul il-jum, kull klassi ngħabret għal mument ta' talb quddiem Ġesù animat minn Fr Terence, Fr David u Fr Franco.

Fis-6 ta' Ġunju saret ċelebrazzjoni tat-Tifkira tal-Ewwel Tqarbina. L-Istudenti tal-Year 2 li jattendu fis-Settur Primarju, il-Marsa kellhom quddiesa animata mill-istudenti nfushom. Wara sar party għat-tfal u għall-ġenituri. Kien hemm ukoll entertainment waqt il-party li kien organizzat minn grupp ta' għalliema li volontarjament offrew li jagħtu servizz. L-ikel u x-xorb ħasbu għalih il-Membri tal-PTA.

Fit-8 ta' Ġunju, il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor Evarist Bartolo żar is-Settur Primarju fil-Marsa. Din kienet okkażjoni li permezz tagħha rringrazzjajnieh tal-għajnuna tiegħu waqt li ra l-ħidma li qiegħda ssir fis-Settur Primarju ġdid tagħna fil-Marsa. Filgħodu hekk kif wasal intlaqa' fil-grawnds tal-Kulleġġ mill-istudenti, għalliema u mill-amministrazzjoni. Saru messaġġi qosra mir-Rettur, minn student, mil-Provinċjal, mill-Ministru nnifsu, u mill-Headmaster is-Sur Reuben Mifsud. Għal din l-attività kien preżenti wkoll l-Ekonomu Provinċjali Fr Pierre. Il-Ministru kellu laqgħa mal-Provinċjal, u l-Eżekuttiv tal-Kulleġġ. Wara kellu l-okkażjoni li jżur xi klassijiet u aktar tard jiltaqa' b'mod informali mal-istaff tal-Kulleġġ.

Fid-9 ta' Ġunju ġiet organizzata Quddiesa ta' Ringrazzjament fis-Settur Sekondarju kemm bħala għeluq tas-Sena Skolastika imma fuq kollox bħala ċelebrazzjoni tal-50 Sena minn meta l-Kulleġġ ittrasferixxa t-tagħlim tiegħu minn Ħal Tarxien għal Tal-Pietà. Il-quddiesa tmexxiet mill-Provinċjal Fr Ray u miegħu kkonċelebraw diversi Patrijiet Agostinjani fosthom Patri Ġulju Bonnici li kien l-ewwel Rettur f'Tal-Pietà. Ikkonċelebraw ukoll il-Kappillan tal-Parroċċa ta' Fatima flimkien mal-Komunità Dumnikana. Kien hemm preżenti wkoll is-Sindku ta' Tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti u l-Kunsillier is-Sur Josef Fitzpatrick. Wara l-quddiesa Patri Ġulju u Patri Leslie, l-ewwel Rettur u r-Rettur preżenti rispettivament qasmu kejk li tqassam lill-Istaff u lill-Istudenti kollha fil-grawnd tal-Kulleġġ. L-Għalliema Ms Martha Fenech u Ms Maria Falzon taw sehemhom ukoll fil-qsim tal-kejk biex iċċelebraw is-servizz twil li taw lill-Kulleġġ. Wara kien hemm riċeviment fil-Kunvent tal-Patrijiet f'Tal-Pietà.

Matul ix-xahar ta' Ġunju saru l-eżamijiet tal-aħħar tas-sena fiż-żewġ setturi tal-Kulleġġ.

Fis-17 ta' Ġunju saret il-gradwazzjoni għall-Istudenti tal-Year 11 fil-grawnds tal-Kulleġġ f'Tal-Pietà. Il-quddiesa kienet ikkonċelebrata mir-Rettur Fr Leslie flimkien mal-Patrijiet Agostinjani li jagħtu servizz fil-Kulleġġ. Wara t-tqassim taċ-ċertifikati, iċ-ċelebrazzjoni kompliet b'riċeviment fil-grawnd tal-Kulleġġ li għalqet b'messaġġi minn rappreżentanti tal-istudenti u l-qsim tal-kejk.

Fil-21 ta' Ġunju fis-Settur Primarju ġie ċċelebrat Jum il-Missier li matulu saret taħdita lill-missirijiet mis-Sur Julian Xuereb li hu Family Consultant. Wara t-taħdita ħadna xi ħaġa flimkien. Il-laqgħa ntemmet meta ssejħu l-istudenti fis-Sala tal-Kulleġġ biex jagħmlu mument ta' talb quddiem l-Ewkaristija. Wara l-missirijiet daħlu fil-klassijiet u ngħataw tifkira tal-okkażjoni.

Matul dawn ix-xhur komplew isiru anke l-Laqgħat Vokazzjonali fis-Settur Sekondarju minn Fr David u minn Fr Terence, il-laqgħat ta' Talb għall-istudenti u għall-ġenituri fil-Kunvent tal-Patrijiet f'Tal-Pietà, kif ukoll il-Quddiesa kull tieni Sibt tax-xahar għall-familji tal-istudenti u l-istaff.

Fit-22 ta' Ġunju ġiet organizzata Quddiesa ta' ringrazzjament fl-għeluq tas-Sena Skolastika fis-Settur Primarju. Il-Quddiesa saret fil-Knisja tat-Trinità, il-Marsa. Wara kien hemm party fil-klassijiet.

Fl-24 u t-28 ta' Ġunju saru s-seminars ta' għeluq is-sena fiż-żewġ setturi rispettivament. Iż-żewġ seminars għalqu b'ikla flimkien.

Fil-25 ta' Ġunju ġiet organizzata Lejla Maltija fil-grawnds tal-Kulleġġ f'Tal-Pietà mill-membri tal-PTA li għaliha kien hemm attendenza sabiħa ħafna.

PAUL ELLUL
GĦALLIEM

PARROĊĊA SANTU WISTIN, VALLETTA
FESTA 2016

Ix-xahar ta' Mejju fil-parroċċa tagħna huwa l-aktar xahar impenjattiv. Kif inkunu għadna ħerġin miż-żmien taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid kif ukoll mit-tberik tad-djar (li minħabba l-ħafna turġien u t-tlajja' li hawn fil-Belt jeħodlok ukoll ħafna enerġija) jiġi dan ix-xahar li fih il-komunità parrokkjali tidħol f'purċissjoni ta' ċelebrazzjonijiet. Malli jersaq nofs April diġà jibda x-xogħol tal-festa u allura rridu nduru l-ventijiet tat-toroq, jibda l-armar tad-dawl fit-toroq, jibda jinħareġ id-drapp tat-toroq sabiex fil-festa nsibuh imqassam skont it-toroq, jibda l-ġenn ta' xiri ta' drinks tal-baned u tal-koristi, jibda xogħol fuq il-mużika kollha (kemm tal-baned kif ukoll tal-knisja) sabiex kollox isib postu skont meta u kif għandu jindaqq, armar tad-damask fil-knisja, tindif tal-linef tal-knisja, jekk irid isir tindif ta' xi fided, permessi tal-armar, tal-marċijiet, tal-purċissjonijiet, tan-nar, insurances, civil protection... insomma ħidma kontinwa li jien meta nħares lura u nara xi jkun sar nirringrazzja 'l Alla u lil ftit nies li qegħdin naħdmu din il-ħidma kollha. Din iżda hija biss ħidma relatata mal-festa. Il-festa ta' Santa Rita għalkemm ma tiħux ħafna enerġija fil-preparazzjoni iżda dakinhar tal-festa tixroblok l-enerġija kollha. In-nies jibdew minn filgħodu ġejjin għal santi, għal talb fuq oġġetti ta' devozzjoni, biex jitkellmu ma' xi ħadd u jiftħu qalbhom, għall-preżentazzjoni tat-trabi u tfal, għas-Sagrament tal-Qrar u affarijiet oħra. Din is-sena bżajna ftit peress li ħabtet nhar ta' Ħadd iżda l-attendenza kbira tan-nies li kienu preżenti u mxew wara Santa Rita kienet inkuraġġanti ħafna.

Hemm ukoll il-ħidma marbuta mas-Sagramenti tal-Griżma tal-Isqof kif ukoll tal-Ewwel Tqarbina li wkoll jiġu f'dan ix-xahar. Dawn iġibu magħhom numru ta' laqgħat bejn il-Kappillani tal-Belt u l-Kapitlu tal-Kon-Kattidral biex niftiehmu fuq il-Griżma, laqgħat mal-ġenituri, ċelebrazzjoni tal-Ewwel Qrara għat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina kif ukoll rehearsals għat-tfal sabiex dakinhar taċ-ċelebrazzjonijiet kollox imur sewwa. Ovvjament kull festa titlob l-armar partikolari tagħha, animazzjoni partikolari u preparazzjoni għaliha. Barra minn hekk wara l-festa tal-Ewwel Tqarbina qed niċċelebraw il-kwaranturi li jintemmu bil-purċissjoni bis-Sagrament Imqaddes madwar it-toroq tal-Parroċċa. Dan kollu jsir waqt li l-ħajja normali tal-parroċċa trid tibqa' għaddejja u allura jkollok magħmudijiet, żwiġijiet u anke funerali.

Huwa veru li huwa żmien li jixroblok l-enerġija kollha imma fl-istess ħin huwa mument li fiha tagħraf ħafna l-Providenza ta' Alla, tagħraf is-sabiħ tal-komunjoni, tagħraf is-sabiħ fil-volontarjat, tagħraf is-sabiħ tad-doni ta' tant nies li jgħinu, tagħraf il-ġenerożità tan-nies u tara l-ferħ u s-sodisfazzjoni tan-nies iżda fuq kollox inħossni kuntent meta tara nies li ma jersqux lejn il-knisja li minħabba li jridu jġibu lil uliedhom jiġu l-knisja huma wkoll, tara nies li jiġu jqerru u jistqarru li jkunu ilhom żmien twil ma jqerru u bħal dawn ħafna esperjenzi oħra li jagħtuni iktar kuraġġ.

Jiena nżomm f'moħħi dejjem li jien qiegħed hawn qaddej tal-parroċċa u allura nħoss li dak li hu tal-parroċċa jrid ikun organizzat tajjeb u kif suppost u nibqa' miexi fuq il-passi tal-kappillani kollha li kien hemm qabli. L-Arċisqof lili kien qalli biex inkun nagħġa fil-merħla qabel ma nkun ragħaj u jien nipprova ħafna li nkun qalb in-nies, mhux fuqhom. Il-fatt li ħafna minnhom jiġu jgħiduli kemm ħadu pjaċir u kemm kienu kuntenti jew li tara tant nies li jiġu jgħinu jew tara knisja mimlija nies matul il-ġranet tal-festa kif ukoll matul is-sena jew li tara tant nies jippruvaw iġibu għajnuna għall-parroċċa jew li tara nies li huma bogħod mill-Knisja iżda qed jippruvaw jerġgħu jersqu iktar fil-qrib, għalija dan huwa diġà pass 'il quddiem. Huwa pass biex dak li jkun iħossu parti minn familja, nisranija, agostinjana li hija f'mixja lejn Kristu. Kristu jinqeda b'kollox u b'kulħadd.

P. DEO DEBONO OSA
KAPPILLAN

MILL-KOMUNITÀ TAR-RABAT MINN MAĦŻEN TAL-FESTA GĦALL-FESTA TA'

ĦNIENA U OSPITALITÀ

Qed nirreferi għall-post numru 3, fi Triq Santu Wistin fir-Rabat Malta, ħdejn il-Knisja tagħna f'San Mark. F'appell li għamel il-Papa Franġisku fl-Angelus fis-6 ta' Settembru 2015, qal: "Nagħmel appell lill-parroċċi, lill-komunitajiet reliġjużi, lill-monasteri u lis-santwarji tal-Ewropa kollha biex jesprimu l-konkretezza tal-Vanġelu u jilqgħu għandhom familja ta' refuġjati. Ġest konkret bi tħejjija għas-Sena Mqaddsa tal-Ħniena. Kull parroċċa, kull komunità reliġjuża, kull monasteru, kull santwarju fl-Ewropa għandhom jospitaw familja". Wara dan l-appell f'Ottubru 2015 beda proċċes ta' dixxerniment għal dan il-proġett tal-ħniena. Permezz ta' emails u riflessjonijiet, kienet hemm tħejjija għal-laqgħa tal-Provinċja li saret fl-aħħar ta' Ottubru 2015. Fl-istess żmien u fiż-żmien ta' wara kienet saret laqgħa komunitarja tal-Komunità tar-Rabat fejn ġiet diskussa l-istess tema. Ġiet diskussa fit-team tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi.

Kien hemm kuntatt u diskussi mal-Jesuit Refugee Service (JRS) li magħhom ser ikun hemm kolloborazzjoni f'dan il-proġett ta' ospitalità. Din hija kollabrazzjoni wkoll fid-dixxerniment tal-għażla tal-persuni li ser joqogħdu f'dan il-post flimkien mal-bżonnijiet tagħhom. Din il-kollaborazzjoni wkoll bejn reliġjużi ta' Ordnijiet differenti dejjem huwa sinjal ta' tama. Il-JRS ser ikunu wkoll qed jieħdu ħsieb l-aspett ta' akkumpanjament u mixja mal-persuni, filwaqt li aħna qed noffru dan il-post u wkoll encounters mal-persuni biex inkomplu nifhmu t-tamiet, it-tbatijiet, id-diffikulajiet u l-ferħ li jgħaddu minnhom.

Din l-istess tema kienet diskussa wkoll fil-laqgħa tal-Pirjoli, fejn kien hemm qbil li bħala Provinċja niffukaw fuq proġett wieħed ta' ospitalità għal ħutna r-refuġjati. Fl-istess ħin inkomplu ninżlu fil-fond fil-ħarsa lejn l-immigrant biex nuru rispett u għożża, u fejn fl-istess ħin naħdmu biex inġibu lura l-armonija fir-relazzjonijiet; punti importanti fl-ispiritwalità Agostinjana. Fl-istess ħin dan il-care jfisser li qed immorru kontra l-aljenazzjoni, l-indifferenza u li noqogħdu gallarija lejn dawn ħutna.

Għalhekk, minn post ta' ħażna; minn post rieqed u bla ħajja dan il-post qed jinbidel f'post biex jilqa' persuni umani, ħajja u li ser iħallu impatt fuqna bħala Agostinjani fil-laqgħa tagħna magħhom. Wasalna fl-aħħar fażi tat-tħejjijiet, biex ukoll dan il-post ikun attrezzat b'mod dinjituż u jilqa' lil dawn ħutna. Huwa post simboliku, bħal ħafna simboli oħra, li għandhom messaġġ qawwi u fih innisfu huwa statement ta' ospitalità. Għaliex ospitalità hija xi ħaġa intenzjonata, responsabbli u azzjoni fejn tieħu ħsieb persuni oħra. U għalhekk din hija l-festa ta' ħniena u ospitalità, fejn magħha hemm ukoll proċess ta' rikonċiljazzjoni.

Dan il-proġett huwa xi ħaġa prattika ħafna, fejn wara li rajna l-affarijiet, għamilna l-għażliet, imbagħad attwajna biex din l-istedina u l-ħolma ssir realtà. Forsi wieħed jagħmel l-osservazzjoni li dan kollu mhux ser isolvi l-problema tar-refuġjati u l-immigranti. Le, mhux ser issolvi l-problemi kollha, imma ser tkun ta' għajnuna kbira għal dawk il-persuni individwali li ser nilqgħu u għalina kemm bħala Agostinjani u bħala Maltin li b'qalb miftuħa nkomplu naħdmu fuq dan il-qasam tal-fidi nisranija fil-ħajja tagħna. Inkunu qegħdin naħdmu fuq id-dinjità umana, li hija ċavetta tal-evanġelizzazzjoni.

Permezz ta' dan kollu nikkonsolidaw it-tessut soċjali permezz tar-responsabiltà komuni, fejn aħna familja waħda taħt Alla, fejn inpoġġu s-solidarjetà fil-prattika u fejn inkunu responsabbli jfisser li nippromovu l-ġustizzja, u li għal Wistin hija ġustizzja ta' ħniena. Fl-istess ħin inkunu aġenti tal-bidla fejn hemm bżonn ta' bidla tal-mentalità, u li tmur lil hinn mill-boundaries u l-preġudizzji u dan permezz ta' ftuħ u komunjoni. Minn dan il-post wieħed jista' jagħmel teoloġija mhux tal-mejda, kif iħobb isejħilha l-Papa Franġisku, imma teoloġija ħajja mill-esperjenzi ta' dawn ħutna u mill-ġest konkret ta' ħniena li jesprimi l-konkretezza tal-Evanġelju.

P. DAVID CORTIS OSA

MIS-SEGRETARJAT MISSJONIJIET AGOSTINJANI

L-GĦOTJA TAS-SALIB TAL-MISSJONI

Din is-sena s-Segretarjat tal-Missjonijiet qiegħed għal darba oħra joffri liż-żgħażagħ Maltin l-opportunità li jagħmlu esperjenza missjunarja mal-aħwa tagħna Agostinjani Kenjani fl-Afrika. Jixtiequ jagħmlu din l-esperjenza hemm 12-il żagħżugħ li ġejjin minn għaxar irħula differenti ta' Malta.

Bħala parti mill-preparazzjoni tagħhom biex imorru fil-missjoni, iż-żgħażagħ jiltaqgħu darba f'ġimgħa miegħi P. Mario, fejn ikollhom formazzjoni missjunarja, b'hekk isiru jafu aktar lil xulxin u jaħdmu flimkien fuq diversi Fund Raising biex b'hekk inkunu nistgħu nkomplu bil-proġetti ta' bini, xiri ta' ikel u mediċini għat-tfal u familji fil-bżonn.

Marzu kien xahar mimli bil-bejgħ tal-figolli. Morna f'ħafna Parroċċi ta' Malta biex inbigħu, morna fil-Pjazza Sant'Anna tas-Sliema kif ukoll Ta' Qali. Morna tajjeb ħafna għax nbiegħu 1,500 figolla.

Tombla u Coffee Morning b'risq il-Kenja sar fit-13 ta' April, fis-*Sala Mater Grazia* f'Ħaż-Żabbar. Kien hemm kważi mal-mitt ruħ. Saret ukoll Pasta Night fis-*Sala B Hall* f'Ħaż-Żabbar ukoll. Ġew ħafna nies fosthom il-ġenituri, aħwa u ħbieb taż-żgħażagħ stess. Nirringrazzja lil Alla li tas-swali qatt ma ħadu flus tagħhom. Dan jagħmluh għax japprezzaw il-ħidma li sejrin jagħmlu dawn iż-żgħażagħ mal-foqra fil-Kenja.

Is-Sibt 22 ta' Ġunju, il-Provinċjal P. Raymond Francalanza flimkien ma' P. Mario waqt il-quddiesa tas-6.30pm f'Paceville ta lil dawn iż-żgħażagħ is-Salib tal-Missjoni.

L-aħħar attività hija dik tas-Sibt 2 ta' Lulju 2016, BBQ Buffet fil-Golden Tulip Vivaldi Hotel, Paceville b'risq il-ħidmiet li ser jitwettqu mal-foqra fil-Kenja.

Il-grupp jitlaq lejn il-Kenja l-Ġimgħa 15 ta' Lulju. Itolbu għalina.

P. MARIO ABELA OSA

MILL-KUNVENT TAL-BELT VALLETTA

SIS: Fi Frar 2016, ġejna mogħtija l-*grant* ta' €1,900, mill-fondi tal-EU, sabiex isir kors għall-voluntiera tagħna, ħalli 'l quddiem inkunu nistgħu nikkonservaw l-affarijiet tagħna mill-aħjar li nistgħu. Għalhekk kull nhar ta' Ġimgħa bejn is-6.00pm u t-8.00pm u s-Sibt bejn id-9.30am u l-11.30am, qed jiġu esperti diversi, sabiex jiffurmaw lill-voluntiera tagħna. B'kollox għandna 12-il espert li qed jagħti s-sehem tiegħu. Dan il-kors ser ikollu waqfa għaż-żmien tas-Sajf u jerġa' jibda f'Ottubru li ġej. Dawn il-fondi, wassalna għalihom Dr. Malcolm Borg, il-konsulent tagħna għal dan il-proġett.

Inventarju: Komplejna naħdmu fuq l-inventarju, fejn Dr. Malcolm Borg offra li jagħti l-għajnuna tiegħu b'xejn, wara li żmien ilu, il-komunità tagħna aċċettat din id-disponibbiltà tiegħu, konna għażilna lis-Sur Joe Spiteri (missier P. Terrence), sabiex jgħin mill-esperjenza tiegħu lil Dr. Malcolm Borg, sabiex il-komunità tagħna jkollha inventarju komplut fuq l-affarijiet kollha li għandna fil-Kunvent. Is-Sur Brian Bunce qed jieħu r-ritratti b'ċertu professjonalità, sabiex 'il quddiem (meta jsiru xi pubblikazzjonijiet marbuta mal-proġett) ikollna ritratti ta' kwalità tajba. Dawn kollha offrew li jgħinu gratwitament. Fl-inventarju qed insibu li nistgħu nibnu storja tajba għall-Kunvent, għaliex personaġġi li jidhru fil-*portrait gallery* (il-kuritur tal-Kunvent), għandhom affarijiet tagħhom ġewwa d-depostu. Sibna xi oġġetti fid-depostu li jeħtieġu xi tiswijiet u qegħdin naraw kif dawn it-tiswijiet jibdew isiru bil-mod.

Proġett: Ix-xogħol għall-proġett kollu, maħdum u mħejji, kemm min-naħa tal-konsulenza ta' Dr. Malcolm Borg, kemm minn kwantu ta' pjanti mill-Perit Paul Camilleri, kif ukoll minn kuntatti

meħtiega bl-għajnuna tas-Sur Mario Falzon (President tal-Fondazzjoni); però jonqosna l-permessi tal-MEPA li biex jingħatawlna kien meħtieg l-investigazzjoni fuq l-art. Għalhekk, għal sitt ijiem sħaħ, fostna kien hawn l-Arkeoloġisti tal-*Kumpanija Ensure* taħt id-direzzjoni tal-SCH, li mexxew l-investigazzjoni u fil-ġranet li ġejjin, għandhom jippreżentaw rapport lil SCH (Dipartiment tal-Gvern għall-Ħarsien tal-*Heritage*). Dan id-Dipartiment (kien rappreżentat mis-Sur Christian Mifsud) li kien preżenti f'diversi waqtiet tal-ġurnata. Reċentement ġew ukoll uffiċjali għoljin mill-SCH, sabiex jaraw ix-xogħol. Sa issa qed jitolbu minna li l-lift u t-taraġ għall-ewwel sular (kuritur tal-orgni) ma jsirx fl-art tal-Knisja l-qadima, kif kien propost, imma joħrog bid-dritt iċ-ċilindri tal-*gass*. Aħna u qed inħaffru sibna l-pilastru tal-Knisja l-Qadima, li għandu jitħalla għall-wiri tal-pubbliku meta jsir il-proġett kollu.

Taħt l-art fejn ħaffirna, sibna mina kbira b'ammont ta' ilma fiha. Probabbiltà kienet waħda mill-ħafna postijiet fejn il-Patrijiet kienu jżommu l-ilma. Sibna li meta l-bjar kienu jimtlew, kellhom sistema, fejn iferrgħu ġewwa ġiebja kbir li kien hemm taħt il-bitħa.

Open day: Fl-aħħar laqgħa tal-komunità konna ddeċidejna li nagħmlu *open day*, bħala parti mill-attivitajiet tal-Bi-Ċentinarju:

Nagħmlu stands bl-informazzjoni fuq kull altar tal-Knisja.

- Inċaqilqu l-antiporta tal-ħgieġ minn ħdejn il-librerija għal ħdejn il-kamra tat-televixin, fejn 'il quddiem ikollna l-*Portrait Gallery*. Din il-parti għandha tkun lesta sal-*open day*.

- ➔ Noħolqu interpretazzjoni għall-kunvent tagħna, fejn nagħtu informazzjoni fuqna u l-kunvent, fuq *screen*, qabel ma n-nies iżuru l-post.

- ➔ Inħejju x-xelter, sabiex in-nies ikunu jistgħu jinżlu fih.

Dan kollu ser isir, sabiex jibqa' lest għall-Mużew li ser nagħmlu.

Press conference: Nhar l-Erbgħa 8 ta' Ġunju, fis-6pm saret *press conference* dwar is-sejba tal-pilastru tal-Knisja l-qadima. Sejjaħna lil Media kollha, sabiex jigu. Din il-*Press Conference* mexxewha Dr. Malcolm Borg (konsulent tal-Proġett) u Mr. Denis Darmanin li għamel riċerka ta' storja fuq il-bini tagħna.

Birthdays iċċelebrati fil-Komunità tagħna, Awguri:

P. Noah Schiavone	P. Konstantin Borg
P. Nazzarenu Saliba	P. Deo Debono
P. George Bezzina	

Xogħlijiet fil-Kunvent

Ix-xogħlijiet fil-Kunvent għadhom sejrin. Issa nistgħu ngħidu li għalaqna t-tibjid fil-pjan terren, jonqos xi xogħol żgħir fid-dawl. Bħalissa qed nagħmlu x-xogħlijiet fir-refettorju li fi żmien qasir għandu jkun lest. Dan ix-xogħol jinkonsisti f'tikħil u tibjid, tiswijiet fid-dawl, kif ukoll tiswijiet fl-għamara li hemm fl-istess refettorju.

P. ALEX CAUCHI OSA

KAPPELLA SANTA RITA, SAN ĠILJAN

AFFILJAZZJONIJIET FL-ORDNI AGOSTINJAN

Il-Provinċja tal-Ordni Agostinjan dejjem irrikonoxxiet l-għajnuna u d-dedikazzjoni li juru l-Lajċi Agostinjani lejn il-ħidma spiritwali tagħna. Hu għalhekk bis-saħħa tal-Kostituzzjoni tal-Ordni Agostinjan li l-Pirjol Ġenerali Fr Alejandro Moral Anton bil-barka ta' Alla kien approva fit-18 ta' Settembru 2015 l-Affiljazzjoni ta' Astrid Cordina u Vince Scerri fl-Ordni Agostinjan.

Iċ-Ċelebrazzjoni fil-lejl tal-Milied fil-Kappella ta' Santa Rita, San Ġiljan serviet ukoll sabiex il-Komunità ta' din il-Kappella rrikonixxiet l-impenn u x-xogħol siewi ta' Astrid u Vince li għal snin twal għamlu ħidma b'għożża kbira u dedikazzjoni lejn l-Agostinjani tal-Provinċja Maltija u partikolarment tal-Kappella tagħna ddedikata lil Santa Rita.

L-attitudni u l-eżempju tagħhom kif ukoll bil-mod kif jgħixu l-ħajja tagħhom fil-komunità hu qrib ħafna l-ispirtu Agostinjan. B'din l-Affiljazzjoni, Astrid u Vince saru membri effettivi tal-Ordni Agostinjan. Nifirħulhom!

VICTOR SPITERI

MID-DJARJU TAL-PROVINĊJA

ASSEMBLEA PROVINĊJALI



MID-DJARJU TAL-PROVINĊJA | FORMAZZJONI PERMANENTI – RANDAN 2016

MID-DJARJU TAL-PROVINĊJA
FORMAZZJONI PERMANENTI – FL-EREMITAĠĠ TAL-BENEDITTINI – SIĠĠIEWI

MID-DJARJU TAL-PROVINĊJA
FORMAZZJONI PERMANENTI – LAQGĦA MAR-RELIĠJUŻI U SAĊERDOTI FID-DAR TAL-KLERU – FLEUR DE LYS

MID-DJARJU TAL-PROVINĊJA
FORMAZZJONI PERMANENTI – ŻJARA LID-DAR TAL-PROVIDENZA – SIĠĠIEWI

MONIKA,
L-OMM LI KIENET TAF IĠĠIB IS-SLIEM

HEKK SANTU WISTIN JITKELLEM FUQ OMMU:



Lil din il-qaddejja tiegħek, Monika,
hekk twajba, li fi ħdanha sawwritni,
Alla tiegħi, ħniena tiegħi,
qabbadtha ttemm dmir kbir
li kull meta tkun tista',
iġġib il-paċi bejn dawk
li jitlewmu jew jiġġieldu.
Minn dak il-kliem iweġġa' li kienet tisma'
minn waħda kontra l-oħra u li soltu joħroġ
minn fomm mimli mibegħda ħarxa u qalila,
b'mod li l-ħdura ta' min ikun
bejjet lil għajru tinfexx
f'taħdit mimli velenu ma'
ħabiba preżenti kontra l-assenti,
qatt ma kienet twassal lill-mara offiża
dak li kienet tkun semgħet
jekk mhux meta kien jiswa
biex tħabbibhom.

Kont naħseb li din kienet ħaġa żgħira
li kieku ma ġarrabtx esperjenza
qarsa li wrietni folol kbar ta' nies
li jaqgħu fid-dnub ikrah
u komuni ħafna li mhux
biss iwasslu lill-għedewwa
mgħaddbin kliem ta' għedewwa mgħaddbin,
iżda wkoll iżidu kliem li ma
jkunx intqal.
Ommi kienet tagħmel dal-ġid
imgħallma minnek.

(Stqarrijiet IX, 9)

Il-mewt ta' Monika – Stained glass
Bażilika Santu Wistin, Annaba, Alġerija

FESTA TA' SANTA MONIKA FIS-27 TA' AWWISSU
FESTA TA' SANTU WISTIN FIT-28 TA' AWWISSU

ĦOLQA BEJNIETNA

Editur: P. Raphael Abdilla OSA
E-mail: raphaelabdillaosa@gmail.com
Korrezzjoni tal-Malti: Paul Ellul
Website: www.agostinjani.org
Facebook: Augustinians Malta
Issettjat u stampat: Best Print Co. LTD., Qrendi **Tel:** 21680 789